Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 157

Volum 66

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

20 ta' Ġunju 2023

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament (UE) 2023/1182 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2023 dwar regoli speċifiċi relatati ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem maħsuba biex jiġu introdotti fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE** ([1]) 1

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1183 tad-19 ta' Ġunju 2023 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1183/2005 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo** 8

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1184 tal-10 ta' Frar 2023 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi metodoloġija tal-Unjoni li tistipula regoli dettaljati għall-produzzjoni ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika** 11

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1185 tal-10 ta' Frar 2023 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi livell limitu minimu għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat u billi jispeċifika metodoloġija għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn fjuwils rinnovabbli likwidi u gassużi għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u minn fjuwils tal-karbonju riċiklat** 20

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1186 tat-13 ta' Ġunju 2023 li jdaħħal isem fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ["Kullings kalvdans" (IĠP)]** 34

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1187 tad-19 ta' Ġunju 2023 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari** 35

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1188 tad-19 ta' Ġunju 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2014/386/PESK dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol** 46

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1189 tad-19 ta' Ġunju 2023 li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo** 47

I

(Atti leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT (UE) 2023/1182 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-14 ta' Ġunju 2023

dwar regoli speċifiċi relatati ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem maħsuba biex jiġu introdotti fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Il-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 u l-Artikolu 168(4), il-punt (c), tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-"Ftehim dwar il-Ħruġ") ġie konkluż f'isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 ([3]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020. Il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 126 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li matulu l-liġi tal-Unjoni baqgħet tapplika għar-Renju Unit u fir-Renju Unit f'konformità mal-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, intemm fil-31 ta' Diċembru 2020.

(2) Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq (il-"Protokoll") jifforma parti integrali mill-Ftehim dwar il-Ħruġ.

([1]) Opinjoni tas-27 ta' April 2023 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Mejju 2023 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2023.

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1).

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni elenkati fl-Anness 2 tal-Protokoll japplikaw, bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness, għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Dik il-lista tinkludi d-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]). Għalhekk, il-prodotti mediċinali introdotti fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq iridu jikkonformaw ma' dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni.

(4) Id-Direttiva 2001/83/KE tistabbilixxi regoli għall-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 jistabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem.

(5) Sabiex titqies is-sitwazzjoni speċifika tal-Irlanda ta' Fuq, huwa xieraq li jiġu adottati regoli speċifiċi relatati mal-introduzzjoni fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem.

(6) Huwa xieraq li jiġi ċċarat li d-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni elenkati fl-Anness 2 tal-Protokoll jenħtieġ li japplikaw fir-rigward tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem maħsuba biex jiġu introdotti fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq, sakemm ma jiġux stabbiliti regoli speċifiċi f'dan ir-Regolament. Fejn japplikaw regoli speċifiċi ta' dan ir-Regolament, u teżisti xi inkonsistenza bejn dawk ir-regoli speċifiċi ta' dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni elenkati fl-Anness 2 tal-Protokoll, jenħtieġ li jieħdu preċedenza dawk ir-regoli speċifiċi ta' dan ir-Regolament.

(7) Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi żgurat li l-applikazzjoni tar-regoli speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament ma twassalx għal riskju akbar għas-saħħa pubblika fis-suq intern.

(8) Ir-regoli speċifiċi jenħtieġ li jinkludu projbizzjoni kontra l-wiri tal-karatteristiċi ta' sigurtà msemmija fid-Direttiva 2001/83/KE fuq l-imballaġġ ta' barra jew, fejn ma jkun hemm l-ebda imballaġġ ta' barra, fuq l-imballaġġ immedjat tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem maħsuba biex jiġu introdotti fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq, u projbizzjoni kontra l-introduzzjoni fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq ta' prodotti mediċinali ġodda u innovattivi li jkunu ngħataw awtorizzazzjoni għall-"marketing" f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 726/2004. Barra minn hekk, ir-regoli speċifiċi jenħtieġ li jinkludu ċerti rekwiżiti ta' tikkettar għall-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem maħsuba biex jiġu introdotti fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq. B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/161 ([6]) ma japplikax għall-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem maħsuba biex jiġu introdotti fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq.

(9) Fir-rigward ta' prodotti mediċinali ġodda u innovattivi, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit ikunu jistgħu jawtorizzaw l-introduzzjoni fis-suq ta' dawk il-prodotti mediċinali fl-Irlanda ta' Fuq dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, jiġifieri li l-awtorizzazzjoni tingħata f'konformità mal-liġi tar-Renju Unit u li l-prodotti mediċinali jiġu introdotti fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq skont it-termini tal-awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit, li dawk il-prodotti mediċinali jikkonformaw ma' ċerti rekwiżiti ta' tikkettar, u li garanziji bil-miktub ikunu ġew ipprovduti mir-Renju Unit lill-Kummissjoni.

(10) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti salvagwardji xierqa għall-Unjoni sabiex jiġi żgurat li l-applikazzjoni tar-regoli speċifiċi ma żżidx ir-riskji għas-saħħa pubblika fis-suq intern. Jenħtieġ li tali salvagwardji jinkludu monitoraġġ kontinwu mill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit dwar l-introduzzjoni fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem soġġetti għal regoli speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament u projbizzjoni totali kontra l-ġarr lejn jew l-introduzzjoni fis-suq fi Stat Membru ta' prodotti mediċinali soġġetti għar-regoli speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

([4]) Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/161 tat-2 ta' Ottubru 2015 li jissupplimenta lid-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar il-karatteristiki tas-sigurtà li jkunu jidhru fuq il-pakketti tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 32, 9.2.2016, p. 1).

(11) Jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tas-sospensjoni tal-applikazzjoni ta' wħud mir-regoli speċifiċi jew tar-regoli speċifiċi kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament fejn ikun hemm evidenza li r-Renju Unit mhux qed jieħu miżuri xierqa biex jindirizza ksur serju jew ripetut ta' dawk ir-regoli speċifiċi. F'każ bħal dan, huwa xieraq li jiġi previst mekkaniżmu formali ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni b'limiti ta' żmien ċari li fihom il-Kummissjoni jenħtieġ li taġixxi. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([7]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(12) Fejn ir-regoli speċifiċi għall-introduzzjoni fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem huma sospiżi, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-Unjoni elenkati fl-Anness 2 tal-Protokoll jenħtieġ li jerġgħu japplikaw għal tali prodotti mediċinali.

(13) Sabiex tiġi żgurata reazzjoni effettiva u rapida għal kwalunkwe riskju akbar għas-saħħa pubblika, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi l-possibbiltà li l-Kummissjoni tadotta atti delegati f'konformità ma' proċedura ta' urġenza.

(14) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba raġuni ta' skala jew effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l- objettivi.

(15) Huwa xieraq li jiġi previst perjodu ta' tranżizzjoni għall-applikazzjoni tar-regoli speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem li diġà jinsabu fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq.

(16) Bħala konsegwenza tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, id-Direttiva 2001/83/KE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli speċifiċi relatati mal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem maħsuba biex jiġu introdotti fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq f'konformità mal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2001/83/KE.

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli dwar is-sospensjoni tal-applikazzjoni tar-regoli speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni elenkati fl-Anness 2 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq (il-"Protokoll") għandhom japplikaw fir-rigward tal-introduzzjoni fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq ta' prodotti mediċinali kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, sakemm ma jkunux stabbiliti regoli speċifiċi f'dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 726/2004, inklużi d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83/KE.

([7]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Artikolu 3

Regoli speċifiċi għall-prodotti mediċinali kif imsemmi fl-Artikolu 1(1)

1. L-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq jistgħu jippermettu li l-prodotti mediċinali kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament jiġu importati fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit minn detenturi ta' awtorizzazzjoni għad-distribuzzjoni bl-ingrossa li ma jkollhomx fil-pussess tagħhom awtorizzazzjoni tal-manifattura rilevanti, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 40(1a), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) sa (d), tad-Direttiva 2001/83/KE.

2. Il-karatteristiċi ta' sigurtà msemmija fl-Artikolu 54, il-punt (o), tad-Direttiva 2001/83/KE ma għandhomx jidhru fuq l-imballaġġ ta' barra jew, fejn ma jkun hemm l-ebda imballaġġ ta' barra, fuq l-imballaġġ immedjat tal-prodotti mediċinali kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament.

3. Meta prodott mediċinali kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament ikollu l-karatteristiċi ta' sigurtà msemmija fl-Artikolu 54, il-punt (o), tad-Direttiva 2001/83/KE, dawk il-karatteristiċi għandhom jitneħħew kompletament jew jitgħattew.

4. Il-persuna kwalifikata msemmija fl-Artikolu 48 tad-Direttiva 2001/83/KE għandha, fil-każ ta' prodott mediċinali kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament, tiżgura li l-karatteristiċi ta' sigurtà msemmija fl-Artikolu 54, il-punt (o), ta' dik Direttiva ma jkunux twaħħlu fuq l-imballaġġ tal-prodott mediċinali.

5. Id-detenturi ta' awtorizzazzjoni għad-distribuzzjoni bl-ingrossa ma għandhomx ikunu meħtieġa li:

(a) jivverifikaw il-prodotti mediċinali kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 80, l-ewwel paragrafu, il-punt (ca), tad-Direttiva 2001/83/KE;

(b) iżommu rekords fir-rigward tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 80, l-ewwel paragrafu, il-punt (e), l-aħħar inċiż, tad-Direttiva 2001/83/KE.

6. Għall-forniment kollu tal-prodotti mediċinali kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament lil persuna awtorizzata jew intitolata li tipprovdi l-prodotti mediċinali lill-pubbliku, kif imsemmi fl-Artikolu 82 tad-Direttiva 2001/83/KE, fir-rigward tar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, il-grossist awtorizzat ma għandux ikun meħtieġ li jehmeż dokument li jagħmilha possibbli li jiġi aċċertat in-numru tal-lott tal-prodotti mediċinali f'konformità mal-Artikolu 82, l-ewwel paragrafu, l-aħħar inċiż, ta' dik id-Direttiva.

Artikolu 4

Regoli speċifiċi għall-prodotti mediċinali kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament li jappartjenu għall-kategoriji msemmija fl-Artikolu 3(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004

1. Prodott mediċinali kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament li jappartjeni għall-kategoriji msemmija fl-Artikolu 3(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jkun ingħata awtorizzazzjoni għall-"marketing" f'konformità mal-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament ma għandux jiġi introdott fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq.

2. Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, prodott mediċinali kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament li jappartjeni għall-kategoriji msemmija fl-Artikolu 3(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 jista' jiġi introdott fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit ikunu awtorizzaw l-introduzzjoni fis-suq tal-prodott mediċinali f'konformità mal-liġi tar-Renju Unit u skont it-termini tal-awtorizzazzjoni mogħtija minnhom;

(b) il-prodott mediċinali kkonċernat ikun ittikkettat f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament;

(c) ir-Renju Unit jipprovdi garanziji bil-miktub lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Regoli speċifiċi għat-tikkettar tal-prodotti mediċinali kif imsemmi fl-Artikolu 1(1)

Il-prodotti mediċinali kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) għandu jkollhom tikketta individwali li tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandha titwaħħal mal-imballaġġ tal-prodott mediċinali f'post li jidher b'tali mod li tidher faċilment, tinqara b'mod ċar, u ma tithassarx; ma għandhiex tkun bl-ebda mod moħbija, mgħottija, imnaqqsa jew imfixkla b'xi kitba oħra jew stampi jew xi materjal ieħor li jintervjeni;

(b) għandha tgħid il-kliem "UK only".

Artikolu 6

Monitoraġġ ta' prodotti mediċinali kif imsemmi fl-Artikolu 1(1)

L-awtorità kompetenti tar-Renju Unit għandha timmonitorja kontinwament l-introduzzjoni fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq ta' prodotti mediċinali kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) u l-infurzar effettiv tar-regoli speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 3, 4 u 5.

Artikolu 7

Projbizzjoni kontra l-ġarr lejn Stat Membru jew l-introduzzjoni fis-suq ta' Stat Membru ta' prodotti mediċinali kif imsemmi fl-Artikolu 1(1)

1. Il-prodotti mediċinali kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) ma għandhomx jinġarru mill-Irlanda ta' Fuq lejn Stat Membru jew jiġu introdotti fis-suq ta' Stat Membru.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 8

Garanziji bil-miktub ipprovduti mir-Renju Unit lill-Kummissjoni

Ir-Renju Unit għandu jipprovdi garanziji bil-miktub lill-Kummissjoni li l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti mediċinali kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) ma jżidx ir-riskju għas-saħħa pubblika fis-suq intern u li tali prodotti mediċinali mhumiex ser jinġarru lejn Stat Membru, inklużi garanziji fis-sens li:

(a) l-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mar-rekwiżiti tat-tikkettar stabbiliti fl-Artikolu 5;

(b) ikun hemm fis-seħħ u jitwettqu monitoraġġ, infurzar u kontrolli effettivi tar-regoli speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 3, 4 u 5, permezz ta', fost l-oħrajn, spezzjonijiet u awditi.

Artikolu 9

Sospensjoni tar-regoli speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 3, 4 u 5

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja kontinwament l-applikazzjoni mir-Renju Unit tar-regoli speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 3, 4 u 5.

2. Fejn ikun hemm evidenza li r-Renju Unit mhux qed jieħu miżuri xierqa biex jindirizza ksur serju jew ksur ripetut tar-regoli speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 3, 4 u 5, il-Kummissjoni għandha tinforma lir-Renju Unit permezz ta' notifika bil-miktub.

Għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tan-notifika bil-miktub imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tidħol f'konsultazzjonijiet mar-Renju Unit bil-għan li tirrimedja s-sitwazzjoni li wasslet għal dik in-notifika bil-miktub. F'każijiet ġustifikati, il-Kummissjoni tista' testendi dak il-perjodu bi tliet xhur oħra.

3. Jekk is-sitwazzjoni li twassal għan-notifika bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, ta' dan l-Artikolu ma tiġix rimedjata fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikoli 10 u 11 biex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jispeċifika r-regoli speċifiċi fost dawk imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, li l-applikazzjoni tagħhom għandha tiġi sospiża b'mod temporanju jew permanenti.

4. Meta jkun ġie adottat att delegat f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, ir-regoli speċifiċi tal-Artikoli 3, 4 u 5 kif speċifikat f'dak l-att delegat, għandhom jieqfu japplikaw fl-ewwel jum tax-xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dak l-att delegat.

5. Meta s-sitwazzjoni li twassal għall-adozzjoni tal-att delegat f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu tkun ġiet rimedjata, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat konformità mal-Artikoli 10 u 11 biex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jispeċifika dawk ir-regoli speċifiċi sospiżi tal-Artikoli 3, 4 u 5 li jkunu jerġgħu japplikaw.

6. Fejn att delegat ġie adottat konformità mal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu,ir-regoli speċifiċi tal-Artikoli 3, 4 u 5 kif speċifikat f'dak l-att delegat għandhom jerġgħu japplikaw fl-ewwel jum tax-xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dak l-att delegat.

Artikolu 10

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 9 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin mid-data tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 14. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 9 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 9 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 11

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati taħt dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 10(6). F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Artikolu 12

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali għar-rekwiżiti ta' salvagwardja

Il-prodotti mediċinali li jkunu ġew introdotti fis-suq b'mod legali fl-Irlanda ta' Fuq qabel id-data tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 14, u li ma jkunux ippakkjati mill-ġdid jew ittikkettati mill-ġdid wara dik id-data, jistgħu jibqgħu disponibbli fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq sad-data tal-iskadenza tagħhom mingħajr ma jkunu meħtieġa jikkonformaw mar-regoli speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 3, 4 u 5.

Artikolu 13

Emenda għad-Direttiva 2001/83/KE

L-Artikolu 5a tad-Direttiva 2001/83/KE jitħassar b'effett mid-data ta' applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 14

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025, dment li r-Renju Unit ikun ipprovda l-garanziji bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 8 u li l-Kummissjoni tkun ippubblikat qabel dik id-data l-avviż imsemmi fil-ħames paragrafu ta' dan l-Artikolu.

Fil-każ li dawk il-garanziji bil-miktub jingħataw qabel l-1 ta' Jannar 2025 jew aktar tard minn dik id-data, dan ir-Regolament għandu japplika mill-ewwel jum tax-xahar wara x-xahar li matulu r-Renju Unit jipprovdi dawk il-garanziji bil-miktub.

Fi żmien xahar minn meta tirċievi dawk il-garanziji bil-miktub, il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bil-valutazzjoni tagħha ta' dawk il-garanziji bil-miktub.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li jindika d-data minn meta jibda japplika dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, l-14 ta' Ġunju 2023.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
R. METSOLA	J. ROSWALL

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/1183

tad-19 ta' Ġunju 2023

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1183/2005 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Lulju 2005, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1183/2005.

(2) Wara s-sentenzi tal-Qorti Ġenerali fil-kawżi T-93/22 ([2]) u T-94/22 ([3]), jenħtieġ li jitħassru żewġ entrati mil-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness Ia tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1183/2005 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness Ia tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 huwa emendat kif jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 193, 23.7.2005, p. 1.
([2]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2023, Ramazani Shadary vs il-Kunsill, T-93/22, ECLI:EU:T:2023:122.
([3]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2023, Mutondo vs il-Kunsill, T-94/22, ECLI:EU:T:2023:120.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-19 ta' Ġunju 2023.

Ghall-Kunsill
Il-President
E. BUSCH

ANNESS

L-entrati li ġejjin jiżżiżżu mil-lista li tinsab fit-Taqsima A (Persuni) tal-Anness Ia tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005:

"8. Emmanuel Ramazani SHADARY;

9. Kalev MUTONDO.".

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1184

tal-10 ta' Frar 2023

li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi metodoloġija tal-Unjoni li tistipula regoli dettaljati għall-produzzjoni ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 27(3), is-seba' subparagrafu tiegħu,

Billi:

(1) Il-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika huma importanti biex jiżdied is-sehem tal-enerġija rinnovabbli f'setturi li huma mistennija li jiddependu fuq il-karburanti gassużi u likwidi għal żmien twil, bħas-settur marittimu u tal-avjazzjoni. Huwa meħtieġ li tiġi stabbilita metodoloġija tal-Unjoni li tistipula regoli dettaljati dwar l-elettriku użat għall-karburanti għat-trasport likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika sabiex dan jitqies bħala kompletament rinnovabbli. Għal dan il-għan u meta jitqiesu l-objettivi ambjentali globali fid-Direttiva (UE) 2018/2001, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli ċari bbażati fuq kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. Fil-prinċipju, il-karburanti likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika li jiġu prodotti mill-elettriku jitqiesu bħala rinnovabbli biss meta l-elettriku jkun rinnovabbli. Dan l-elettriku rinnovabbli jista' jiġi fornut minn installazzjoni li tkun imqabbda direttament mal-installazzjoni (tipikament elettrolizzatur) li tipproduċi karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, jew jista' jiġi direttament mill-grilja.

(2) Il-kontenut tal-enerġija ta' kważi l-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi kollha ta' oriġini mhux bijoloġika huwa bbażat fuq l-idroġenu rinnovabbli prodott permezz tal-elettroliżi. L-intensità tal-emissjonijiet tal-idroġenu prodott mill-elettriku bbażat fuq il-fossili hija sostanzjalment ogħla mill-intensità tal-emissjonijiet tal-idroġenu prodott mill-gass naturali fi proċessi konvenzjonali. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li d-domanda għall-elettriku għall-produzzjoni ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika tiġi ssodisfata mill-elettriku rinnovabbli. Wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, il-ħtieġa tal-Unjoni li ssir tranżizzjoni rapida għal enerġija nadifa u li titnaqqas id-dipendenza tagħha fuq l-importazzjonijiet tal-karburanti fossili saret saħansitra aktar ċara u qawwija. Il-Kummissjoni spjegat, fil-Komunikazzjoni REPowerEU ([2]), l-istrateġija tagħha li ssir indipendenti mill-karburanti fossili Russi ferm qabel tmiem dan id-deċennju. Il-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika għandhom rwol importanti f'dan l-isforz kif ukoll biex titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-karburanti fossili b'mod ġenerali. Għalhekk, il-kriterji li għandhom jiġu stabbiliti huma importanti wkoll biex jiġi evitat li d-domanda għall-elettriku għall-produzzjoni tal-idroġenu meħtieġ għall-karburanti għat-trasport rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika twassal għal żieda fl-importazzjonijiet tal-karburanti fossili mir-Russja għall-produzzjoni tal-elettriku meħtieġ.

(3) Ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw irrispettivament minn jekk il-karburant għat-trasport likwidu u gassuż ta' oriġini mhux bijoloġika jiġix prodott ġewwa jew barra t-territorju tal-Unjoni. Meta ssir referenza għaż-żona tal-offerti u għall-perjodu ta' saldu tal-iżbilanċ, kunċetti li jeżistu fl-Unjoni iżda mhux f'kull pajjiż ieħor, huwa xieraq li l-produtturi tal-karburanti f'pajjiżi terzi jitħallew jibbażaw fuq kunċetti ekwivalenti sakemm jinżamm l-objettiv ta' dan ir-Regolament u d-dispożizzjoni tiġi implimentata abbażi tal-aktar kunċett simili eżistenti fil-pajjiż terz ikkonċernat. Fil-każ ta' żoni tal-offerti, tali kunċett jista' jkun regolamenti simili tas-suq, il-karatteristiċi fiżiċi tal-grilja tal-elettriku, b'mod partikolari l-livell ta' interkonnessjoni jew bħala l-aħħar alternattiva għall-pajjiż.

([1]) ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82.
([2]) COM(2022) 108 final.

(4) In-natura bikrija tal-industrija tal-idroġenu, il-katina tal-valur tagħha u s-suq ifissru li l-ippjanar u l-kostruzzjoni ta' installazzjonijiet li jiġġeneraw l-elettriku rinnovabbli kif ukoll ta' installazzjonijiet li jipproduċu karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika spiss ikunu soġġetti għal dewmien sinifikanti fil-proċessi ta' permessi u għal ostakli mhux mistennija oħrajn, minkejja li huma skedati li jibdew joperaw fl-istess ħin. Għalhekk huwa xieraq għar-raġuni tal-fattibbiltà prattika li jiġi kkunsidrat perjodu ta' żmien sa 36 xahar meta jiġi ddeterminat jekk installazzjoni li tiġġenera l-elettriku rinnovabbli tkunx bdiet topera wara, jew fl-istess ħin bħal, l-installazzjoni li tipproduċi karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika. L-akkwist ta' elettriku rinnovabbli għall-produzzjoni tal-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika permezz ta' konnessjoni diretta minn installazzjoni li tipproduċi elettriku rinnovabbli li ma hijiex konnessa mal-grilja juri li l-elettriku huwa prodott f'din l-installazzjoni. Madankollu, jekk l-installazzjoni li tipproduċi l-elettriku rinnovabbli u l-installazzjoni li tipproduċi l-idroġenu ma jkunux biss imqabbda direttament iżda jkunu wkoll imqabbda mal-grilja, jenħtieġ li tiġi pprovduta evidenza li l-elettriku użat għall-produzzjoni tal-idroġenu jiġi pprovdut permezz tal-konnessjoni diretta. L-installazzjoni li tipprovdi l-elettriku għall-ġenerazzjoni tal-idroġenu permezz ta' konnessjoni diretta jenħtieġ li dejjem tipprovdi elettriku rinnovabbli. Jekk din tipprovdi elettriku mhux rinnovabbli, l-idroġenu li jirriżulta jenħtieġ li ma jitqisx bħala rinnovabbli.

(5) Fiż-żoni tal-offerti fejn l-elettriku rinnovabbli diġà jirrappreżenta s-sehem dominanti, l-elettriku meħud mill-grilja jenħtieġ li jitqies bħala kompletament rinnovabbli dment li n-numru ta' sigħat ta' tagħbija sħiħa tal-produzzjoni ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika jiġi limitat għas-sehem tal-elettriku rinnovabbli fiż-żona tal-offerti u kwalunkwe produzzjoni li taqbeż dan is-sehem titqies bħala mhux rinnovabbli. Iż-żieda ta' installazzjonijiet addizzjonali li jipproduċu l-elettriku rinnovabbli ma hijiex meħtieġa minħabba li jista' jiġi preżunt b'mod raġonevoli li l-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli f'żona tal-offerti fejn is-sehem tal-enerġija rinnovabbli jaqbeż id-90 % tippermetti li jiġi ssodisfat il-kriterju ta' ffrankar ta' gassijiet serra ta' 70 % stabbilit fl-Artikolu 25(2) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u dan jista' joħloq sfidi għat-tħaddim tas-sistema tal-elettriku.

(6) Bl-istess mod, fiż-żoni tal-offerti fejn l-intensità tal-emissjonijiet tal-elettriku tkun inqas minn 18 gCO_2eq/MJ, mhix meħtieġa ż-żieda ta' aktar installazzjonijiet li jipproduċu l-elettriku rinnovabbli biex jinkiseb l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' 70 % għall-idroġenu rinnovabbli. F'każijiet bħal dawn, jixraq li l-elettriku meħud mill-grilja jitqies bħala kompletament rinnovabbli dment li l-proprjetajiet rinnovabbli tal-elettriku jintwerew bi ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli u billi jiġu applikati kriterji għal korrelazzjoni temporali u ġeografika. In-nuqqas ta' konformità ma' dawn il-kundizzjonijiet u l-kriterji jevita li l-elettriku użat għall-produzzjoni ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi jitqies bħala kompletament rinnovabbli.

(7) Jixraq ukoll li l-elettriku meħud mill-grilja jitqies bħala kompletament rinnovabbli f'mumenti meta l-produzzjoni ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika tappoġġa l-integrazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-sistema tal-elettriku u tnaqqas il-ħtieġa għal ridistribuzzjoni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli.

(8) Fil-każijiet l-oħrajn kollha, il-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli jenħtieġ li tinċentiva l-użu ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli ġdida u sseħħ fi żminijiet u f'postijiet fejn l-elettriku rinnovabbli jkun disponibbli (korrelazzjoni temporali u ġeografika) biex jiġu evitati inċentivi għal ġenerazzjoni tal-elettriku bbażata aktar fuq il-fossili. Minħabba li l-ippjanar u l-kostruzzjoni ta' installazzjonijiet li jiġġeneraw l-elettriku rinnovabbli spiss ikunu soġġetti għal dewmien sinifikanti fil-proċessi tal-permessi, huwa xieraq li installazzjoni li tiġġenera l-elettriku rinnovabbli titqies bħala ġdida jekk tkun bdiet topera mhux aktar kmieni minn 36 xahar qabel l-installazzjoni li tipproduċi karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika.

(9) Il-ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija huma għodda xierqa għall-inċentivar tal-użu ta' kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli ġdida dment li l-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli l-ġdida ma tirċevix appoġġ finanzjarju peress li l-idroġenu rinnovabbli diġà jkun qed jiġi appoġġat bl-eliġibbiltà tiegħu għall-obbligu fuq il-forniturі tal-karburanti stabbilit fl-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Inkella, il-produtturi tal-karburanti jistgħu jipproduċu wkoll l-ammont ta' elettriku rinnovabbli meħtieġ għall-produzzjoni ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika fil-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli

tagħhom stess. Il-kanċellazzjoni tal-ftehim dwar ix-xiri tal-enerġija jenħtieġ li ma tkunx ta' detriment għall-possibbiltà li l-installazzjoni li tipproduċi elettriku rinnovabbli tibqa' titqies bħala installazzjoni ġdida meta tkun koperta minn ftehim ġdid dwar ix-xiri tal-enerġija. Barra minn hekk, kwalunkwe estensjoni tal-installazzjoni li tipproduċi idroġenu rinnovabbli li żżid il-kapaċità tal-ġenerazzjoni tagħha tista' titqies li bdiet topera fl-istess żmien bħall-installazzjoni oriġinali. Dan jevita l-ħtieġa potenzjali li jiġu konklużi ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija ma' installazzjonijiet differenti kull darba li jkun hemm estensjoni, u b'hekk jitnaqqas il-piż amministrattiv. L-appoġġ finanzjarju li jitħallas lura jew l-appoġġ finanzjarju għall-konnessjonijiet tal-art jew tal-grilja għall-faċilità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli jenħtieġ li ma jitqisx bħala għajnuna operatorja jew għajnuna għall-investiment.

(10) Minħabba n-natura li tvarja ta' xi sorsi ta' enerġija rinnovabbli inklużi l-enerġija mir-riħ u l-enerġija solari, kif ukoll il-konġestjoni tal-grilja tal-elettriku, l-elettriku rinnovabbli jista' ma jkunx disponibbli b'mod kostanti għall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli li jiżguraw li l-idroġenu rinnovabbli jiġi prodott fi żminijiet u f'postijiet fejn ikun disponibbli l-elettriku rinnovabbli.

(11) Sabiex jintwera li l-idroġenu rinnovabbli jiġi prodott meta jkun disponibbli l-elettriku rinnovabbli, il-produtturi tal-idroġenu jenħtieġ li juru li l-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli sseħħ fl-istess xahar kalendarju bħall-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli, li l-elettrolizzatur juża elettriku rinnovabbli maħżun, jew li l-elettrolizzatur juża l-elettriku f'ħinijiet meta l-prezzijiet tal-elettriku jkunu tant baxxi li l-ġenerazzjoni tal-elettriku bbażata fuq il-fossili ma tkunx ekonomikament vijabbli u, għalhekk, domanda addizzjonali għall-elettriku tiskatta aktar produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli u ma twassalx għal żieda fil-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-fossili. Il-kriterju għas-sinkronizzazzjoni jenħtieġ li jsir aktar strett meta s-swieq, l-infrastrutturi u t-teknoloġiji li jippermettu aġġustament rapidu tal-produzzjoni tal-idroġenu u s-sinkronizzazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku u tal-produzzjoni tal-idroġenu jsiru disponibbli.

(12) Iż-żoni tal-offerti huma ddisinjati b'tali mod li jevitaw il-konġestjoni tal-grilja fiż-żona. Sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda konġestjoni fil-grilja tal-elettriku bejn l-elettrolizzatur li jipproduċi l-idroġenu rinnovabbli u l-installazzjoni li tiġġenera l-elettriku rinnovabbli, huwa xieraq li jkun jenħtieġ li ż-żewġ installazzjonijiet ikunu jinsabu fl-istess żona tal-offerti. Meta jkunu jinsabu f'żoni tal-offerti interkonnessi, il-prezz tal-elettriku fiż-żona tal-offerti fejn tinsab l-installazzjoni li tiġġenera l-elettriku rinnovabbli jenħtieġ li jkun daqs jew ogħla minn dak fiż-żona tal-offerti fejn jiġu prodotti l-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika sabiex jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-konġestjoni; jew l-installazzjoni li tiġġenera l-elettriku rinnovabbli skont il-ftehim dwar ix-xiri tal-enerġija jenħtieġ li tkun tinsab f'żona tal-offerti offshore interkonnessa maż-żona tal-offerti fejn jinsab l-elettrolizzatur.

(13) Sabiex jiġu indirizzati l-ispeċifiċitajiet nazzjonali taż-żoni tal-offerti tagħhom u sabiex jiġi appoġġat l-ippjanar integrat tan-networks tal-elettriku u tal-idroġenu, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jistabbilixxu kriterji addizzjonali dwar il-post fejn jitqiegħdu l-elettrolizzaturi fiż-żoni tal-offerti.

(14) Il-produtturi tal-karburanti jistgħu jikkombinaw għażliet differenti għall-għadd tal-elettriku li jintuża għall-produzzjoni ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika b'mod flessibbli dment li tiġi applikata għażla waħda biss għal kull unità ta' input tal-elettriku. Sabiex jiġi vverifikat jekk ir-regoli ġewx segwiti b'mod korrett, huwa xieraq li l-forniturі tal-karburanti jintalbu jiddokumentaw bir-reqqa liema għażliet ġew applikati għall-akkwist tal-elettriku rinnovabbli li jintuża għall-produzzjoni ta' karburanti tat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika. L-iskemi volontarji u l-iskemi nazzjonali huma mistennija li jkollhom rwol importanti fl-implimentazzjoni u fiċ-ċertifikazzjoni tar-regoli f'pajjiżi terzi, peress li l-Istati Membri huma meħtieġa jaċċettaw l-evidenza miksuba minn skemi volontarji rikonoxxuti.

(15) L-Artikoli 7 u 19 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jipprovdu biżżejjed assigurazzjonijiet li l-karatteristiċi rinnovabbli tal-elettriku użat għall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli jiġu ddikjarati darba biss u biss f'settur ta' użu aħħari wieħed. L-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva jiżgura li, meta jiġi kkalkolat is-sehem globali ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija, il-karburanti rinnovabbli likwidi u gassużi tat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika ma jitqisux minħabba li l-elettriku rinnovabbli użat biex jiġu prodotti diġà jkun ġie kkunsidrat. L-Artikolu 19 ta' dik id-Direttiva jenħtieġ li jevita li kemm il-produttur tal-elettriku rinnovabbli kif ukoll il-produttur tal-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika prodotti minn dak l-elettriku jkunu jistgħu jirċievu garanziji tal-oriġini billi jiżguraw li l-garanziji tal-oriġini maħruġa lill-produttur tal-elettriku rinnovabbli jiġu kkanċellati.

(16) L-implimentazzjoni ta' korrelazzjoni temporali hija mxekkla fuq medda qasira ta' żmien minn ostakli teknoloġiċi biex jitkejjel it-tqabbil fis-siegħa, l-implikazzjonijiet ta' sfida għad-disinji tal-elettrolizzaturi, kif ukoll in-nuqqas ta' infrastruttura tal-idroġenu li tippermetti l-ħżin u t-trasport tal-idroġenu rinnovabbli lill-utenti finali li jeħtieġu provvista kostanti tal-idroġenu. Sabiex tkun tista' tiżdied il-produzzjoni ta' karburanti rinnovabbli tat-trasport likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, il-kriterji dwar il-korrelazzjoni temporali għalhekk jenħtieġ li jkunu aktar flessibbli fil-fażi inizjali, u jippermettu lill-atturi tas-suq jistabbilixxu s-soluzzjonijiet teknoloġiċi meħtieġa.

(17) Minħabba ż-żmien meħtieġ għall-ippjanar u l-kostruzzjoni ta' installazzjonijiet li jiġġeneraw elettriku rinnovabbli u n-nuqqas ta' installazzjonijiet ġodda li jiġġeneraw elettriku rinnovabbli li ma jirċevux appoġġ, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5, il-punti (a) u (b) ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw biss aktar 'il quddiem.

(18) Id-dipendenza fuq il-karburanti fossili għall-ġenerazzjoni tal-elettriku jenħtieġ li tonqos maż-żmien bl-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u s-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli jenħtieġ li jiżdied. Jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib dan l-iżvilupp u tivvaluta l-impatt tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari t-tisħiħ gradwali tar-rekwiżiti dwar il-korrelazzjoni temporali fir-rigward tal-kostijiet tal-produzzjoni, l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u s-sistema tal-enerġija u tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2028.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistipula regoli dettaljati biex jiġi ddeterminat meta l-elettriku użat għall-produzzjoni tal-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika jista' jitqies bħala kompletament rinnovabbli. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw għall-produzzjoni tal-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika permezz tal-elettroliżi u b'mod analogu għal mogħdijiet ta' produzzjoni inqas komuni.

Għandhom japplikaw irrispettivament minn jekk il-karburant għat-trasport likwidu u gassuż ta' oriġini mhux bijoloġika jiġix prodott ġewwa jew barra t-territorju tal-Unjoni.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "żona tal-offerti" tfisser żona tal-offerti kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (65), tar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) għall-Istati Membri, jew kunċett ekwivalenti għall-pajjiżi terzi;

(2) "linja diretta" tfisser linja diretta kif iddefinita fl-Artikolu 2, il-punt (41), tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]);

(3) "installazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli" tfisser unitajiet individwali, jew gruppi ta' unitajiet, li jiġġeneraw l-elettriku f'post wieħed jew aktar mill-istess sorsi rinnovabbli jew minn sorsi rinnovabbli differenti, kif iddefiniti fl-Artikolu 2, il-punt (1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, minbarra unitajiet li jipproduċu l-elettriku minn unitajiet ta' bijomassa u ħażna;

([3]) Ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54).

([4]) Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).

(4) "produttur tal-karburant" tfisser operatur ekonomiku li jipproduċi karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika;

(5) "tibda topera" tfisser il-bidu tal-produzzjoni ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika jew ta' elettriku rinnovabbli għall-ewwel darba jew wara tiġdid (repowering) kif definit skont l-Artikolu 2, il-punt (10) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 li jirrikjedi investimenti li jaqbżu t-30 % tal-investiment li jkun meħtieġ biex tinbena installazzjoni ġdida simili;

(6) "sistema ta' kejl intelligenti" tfisser sistema ta' kejl intelligenti kif iddefinita fl-Artikolu 2, il-punt (23), tad-Direttiva (UE) 2019/944;

(7) "perjodu ta' saldu tal-iżbilanċ" tfisser perjodu ta' saldu tal-iżbilanċ kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (15) tar-Regolament (UE) 2019/943 fi ħdan l-Unjoni, jew kunċett ekwivalenti għall-pajjiżi terzi.

Artikolu 3

Regoli għall-għadd tal-elettriku miksub minn konnessjoni diretta ma' installazzjoni li tiġġenera l-elettriku rinnovabbli bħala kompletament rinnovabbli

Għall-fini tal-wiri tal-konformità mal-kriterji stabbiliti fil-ħames subparagrafu tal-Artikolu 27(3) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 għall-għadd tal-elettriku miksub minn konnessjoni diretta ma' installazzjoni li tiġġenera l-elettriku rinnovabbli bħala kompletament rinnovabbli, il-produttur tal-karburant għandu jipprovdi evidenza dwar dan li ġej:

(a) l-installazzjonijiet li jiġġeneraw l-elettriku rinnovabbli huma mqabbda mal-installazzjoni li tipproduċi karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika permezz ta' linja diretta, jew il-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli u l-produzzjoni ta' karburanti għat-trasport likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika jseħħu fl-istess installazzjoni;

(b) l-installazzjonijiet li jiġġeneraw l-elettriku rinnovabbli bdew joperaw mhux aktar kmieni minn 36 xahar qabel l-installazzjoni li tipproduċi l-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika; meta tiżdied kapaċità ta' produzzjoni addizzjonali ma' installazzjoni eżistenti li tipproduċi karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, il-kapaċità miżjuda għandha titqies bħala parti mill-installazzjoni eżistenti, sakemm il-kapaċità tiżdied fl-istess sit u ż-żieda sseħħ mhux aktar tard minn 36 xahar wara li l-installazzjoni inizjali tkun bdiet topera;

(c) l-installazzjoni li tiġġenera l-elettriku ma hijiex imqabbda mal-grilja, jew l-installazzjoni li tiġġenera l-elettriku hija mqabbda mal-grilja iżda sistema ta' kejl intelligenti li tkejjel il-flussi kollha tal-elettriku mill-grilja turi li ma ttieħed l-ebda elettriku mill-grilja biex jiġu prodotti karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika.

Jekk il-produttur tal-karburant juża wkoll l-elettriku mill-grilja, dan jista' jgħoddu bħala kompletament rinnovabbli jekk jikkonforma mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 4.

Artikolu 4

Regoli ġenerali għall-għadd tal-elettriku meħud mill-grilja bħala kompletament rinnovabbli

1. Il-produtturi tal-karburanti jistgħu jgħoddu l-elettriku meħud mill-grilja bħala kompletament rinnovabbli jekk l-installazzjoni li tipproduċi l-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika tkun tinsab f'żona tal-offerti fejn il-proporzjon medju tal-elettriku rinnovabbli kien jaqbeż id-90 % fis-sena kalendarja preċedenti u l-produzzjoni tal-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika ma taqbiżx għadd massimu ta' sigħat stabbilit fir-rigward tal-proporzjon ta' elettriku rinnovabbli fiż-żona tal-offerti.

Dan l-għadd massimu ta' sigħat għandu jiġi kkalkolat billi l-għadd totali ta' sigħat f'kull sena kalendarja jiġi mmultiplikat bis-sehem tal-elettriku rinnovabbli rrapportat għaż-żona tal-offerti fejn jiġi prodott il-karburant għat-trasport rinnovabbli likwidu u gassuż ta' oriġini mhux bijoloġika. Is-sehem medju tal-elettriku rinnovabbli għandu jiġi ddeterminat billi l-konsum finali gross tal-elettriku mis-sorsi rinnovabbli fiż-żona tal-offerti jiġi diviż *mutatis mutandis* skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 bil-produzzjoni grossa tal-elettriku mis-sorsi kollha tal-enerġija, kif

iddefinit fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), ħlief mill-ilma li qabel kien ippumpjat 'il fuq, flimkien mal-importazzjonijiet u bit-tnaqqis tal-esportazzjonijiet tal-elettriku lejn iż-żona tal-offerti. Ladarba s-sehem medju tal-elettriku rinnovabbli jaqbeż id-90 % f'sena kalendarja, dan għandu jkompli jitqies bħala ogħla minn 90 % għall-ħames snin kalendarji sussegwenti.

2. Meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ma jiġux issodisfati, il-produtturi tal-karburanti jistgħu jgħoddu l-elettriku meħud mill-grilja bħala kompletament rinnovabbli jekk l-installazzjoni li tipproduċi l-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika tkun tinsab f'żona tal-offerti fejn l-intensità tal-emissjonijiet tal-elettriku tkun inqas minn 18 gCO_2eq/MJ, dment li jiġu ssodisfati l-kriterji li ġejjin:

(a) il-produtturi tal-karburant ikunu kkonkludew direttament, jew permezz ta' intermedjarji, ftehim wieħed jew aktar ta' xiri tal-enerġija rinnovabbli ma' operaturi ekonomiċi li jiġġeneraw l-elettriku rinnovabbli f'installazzjoni waħda jew aktar li tiġġenera l-elettriku rinnovabbli għal ammont li jkun mill-inqas ekwivalenti għall-ammont ta' elettriku ddikjarat bħala kompletament rinnovabbli u l-elettriku ddikjarat jiġi ġġenerat b'mod effettiv f'din l-installazzjoni jew f'dawn l-installazzjonijiet;

(b) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet dwar il-korrelazzjoni temporali u ġeografika f'konformità mal-Artikoli 6 u 7.

L-intensità tal-emissjonijiet tal-elettriku għandha tiġi ddeterminata abbażi tal-approċċ applikat biex tiġi kkalkolata l-intensità medja tal-karbonju tal-elettriku mill-grilja fil-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika u minn karburanti tal-karbonju riċiklat stabbilita fl-att delegat adottat skont l-Artikolu 28(5) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, abbażi tal-aħħar data disponibbli.

Ladarba l-intensità tal-emissjonijiet tal-elettriku tkun iktar baxxa minn 18 gCO_2eq/MJ f'sena kalendarja, l-intensità medja tal-emissjonijiet tal-elettriku għandha tkompli titqies bħala iktar baxxa minn 18 CO_2eq/MJ għall-ħames snin kalendarji sussegwenti.

3. L-elettriku meħud mill-grilja li jintuża għall-produzzjoni ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika jista' jingħadd ukoll bħala kompletament rinnovabbli jekk l-elettriku użat għall-produzzjoni ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika jiġi kkunsmat matul perjodu ta' saldu tal-iżbilanċ li matulu, il-produttur tal-karburant jista' juri, abbażi ta' evidenza mill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni nazzjonali, li:

(a) l-installazzjonijiet li jiġġeneraw l-enerġija li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli ġew ridistribwiti 'l isfel f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2019/943;

(b) l-elettriku kkunsmat għall-produzzjoni ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika naqqas il-ħtieġa għal ridistribuzzjoni b'ammont korrispondenti.

4. Meta l-kundizzjonijiet fil-paragrafi 1, 2 u 3 ma jiġux issodisfati, il-produtturi tal-karburanti jistgħu jgħoddu l-elettriku meħud mill-grilja bħala kompletament rinnovabbli jekk jikkonforma mal-kundizzjonijiet dwar l-addizzjonalità, il-korrelazzjoni temporali u l-korrelazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikoli 5, 6 u 7.

Artikolu 5

Addizzjonalità

Il-kundizzjoni tal-addizzjonalità msemmija fl-Artikolu 4(4), l-ewwel subparagrafu, għandha titqies li ġiet irrispettata jekk il-produtturi tal-karburant jipproduċu, fl-installazzjonijiet tagħhom stess, ammont ta' elettriku rinnovabbli li jkun mill-inqas ekwivalenti għall-ammont ta' elettriku ddikjarat bħala kompletament rinnovabbli, jew jekk ikunu kkonkludew direttament, jew permezz ta' intermedjarji, ftehim wieħed jew aktar ta' xiri tal-enerġija rinnovabbli ma' operaturi ekonomiċi li jipproduċu l-elettriku rinnovabbli f'installazzjoni waħda jew aktar li tiġġenera ammont ta' elettriku rinnovabbli li jkun mill-inqas ekwivalenti għall-ammont ta' elettriku ddikjarat bħala kompletament rinnovabbli u l-elettriku ddikjarat jiġi ġġenerat b'mod effettiv f'din l-installazzjoni jew f'dawn l-installazzjonijiet, dment li jiġu ssodisfati l-kriterji li ġejjin:

([5]) Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija (ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1).

(a) L-installazzjoni li tiġġenera l-elettriku rinnovabbli bdiet topera mhux aktar kmieni minn 36 xahar qabel l-installazzjoni li tipproduċi l-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika.

Meta installazzjoni li tiġġenera l-elettriku rinnovabbli tkun ikkonformat mar-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont ftehim ta' xiri tal-enerġija rinnovabbli ma' produttur tal-karburant li jkun intemm, għandha titqies li bdiet topera fl-istess mument bħall-installazzjoni li tipproduċi l-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika skont ftehim ġdid dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli.

Meta tiżdied kapaċità ta' produzzjoni addizzjonali ma' installazzjoni eżistenti li tipproduċi karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, il-kapaċità miżjuda għandha titqies li bdiet topera fl-istess mument bħall-installazzjoni inizjali, sakemm il-kapaċità tiżdied fl-istess sit u ż-żieda sseħħ mhux aktar tard minn 36 xahar wara li l-installazzjoni inizjali tkun bdiet topera.

(b) L-installazzjoni li tiġġenera l-elettriku rinnovabbli ma tkunx irċeviet appoġġ fil-forma ta' għajnuna operatorja jew ta' għajnuna għall-investiment, minbarra appoġġ riċevut mill-installazzjonijiet qabel ir-repowering tagħhom, appoġġ finanzjarju għall-konnessjonijiet tal-art jew tal-grilja, appoġġ li ma jikkostitwix appoġġ nett, bħal appoġġ li jitħallas lura kompletament u appoġġ għall-installazzjonijiet li jiġġeneraw elettriku rinnovabbli li jkunu qed jipprovdu l-elettriku għal installazzjonijiet li jipproduċu karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika użat għar-riċerka, l-ittestjar u d-dimostrazzjoni.

Artikolu 6

Korrelazzjoni temporali

Sal-31 ta' Diċembru 2029, il-kundizzjoni ta' korrelazzjoni temporali msemmija fl-Artikolu 4(2), u (4), għandha titqies li tkun ġiet irrispettata jekk il-karburant għat-trasport rinnovabbli likwidu u gassuż ta' oriġini mhux bijoloġika jiġi prodott matul l-istess xahar kalendarju bħall-elettriku rinnovabbli prodott skont il-ftehim ta' xiri tal-enerġija rinnovabbli jew minn elettriku rinnovabbli minn assi ta' ħażna ġdid li jkun jinsab wara l-istess punt ta' konnessjoni tan-network bħall-elettrolizzatur jew l-installazzjoni li tiġġenera l-elettriku rinnovabbli, li għalih ikun ġie impost il-ħlas matul l-istess xahar kalendarju li fih ġie prodott l-elettriku skont il-ftehim ta' xiri tal-enerġija rinnovabbli.

Mill-1 ta' Jannar 2030, il-kundizzjoni ta' korrelazzjoni temporali għandha titqies li tkun ġiet irrispettata jekk il-karburant tat-trasport likwidu u gassuż rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika jiġi prodott matul l-istess perjodu ta' siegħa bħall-elettriku rinnovabbli prodott skont il-ftehim ta' xiri tal-enerġija rinnovabbli jew minn elettriku rinnovabbli minn assi ta' ħażna ġdid li jkun jinsab wara l-istess punt ta' konnessjoni tan-network bħall-elettrolizzatur jew l-installazzjoni li tiġġenera l-elettriku rinnovabbli, li għalih ikun ġie impost il-ħlas matul l-istess perjodu ta' siegħa li fih ġie prodott l-elettriku skont il-ftehim ta' xiri tal-enerġija rinnovabbli. Wara notifika lill-Kummissjoni, l-Istati Membri jistgħu japplikaw ir-regoli stabbiliti f'dan il-paragrafu mill-1 ta' Lulju 2027 għall-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika prodott fit-territorju tagħhom.

Il-kundizzjoni ta' korrelazzjoni temporali għandha dejjem titqies li tkun ġiet irrispettata jekk il-karburant għat-trasport rinnovabbli likwidu u gassuż ta' oriġini mhux bijoloġika jiġi prodott matul perjodu ta' siegħa, fejn il-prezz tal-ikklerjar tal-elettriku li jirriżulta mill-akkoppjament tas-suq ta' ġurnata bil-quddiem fiż-żona tal-offerti, kif imsemmi fl-Artikolu 39(2), il-punt (a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 ([6]), ikun ekwivalenti għal EUR 20 għal kull MWh jew inqas, jew inqas minn 0,36 drabi l-prezz ta' kwota ta' emissjoni ta' tunnellata waħda ta' ekwivalenti tad-diossidu tal-karbonju matul il-perjodu rilevanti sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]).

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 tal-24 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi linji gwida dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni (ĠU L 197, 25.7.2015, p. 24).

([7]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

Artikolu 7

Korrelazzjoni ġeografika

1. Il-kundizzjoni ta' korrelazzjoni ġeografika msemmija fl-Artikolu 4(2) u (4) għandha titqies li ġiet irrispettata jekk mill-inqas wieħed mill-kriterji li ġejjin relatati mal-post tal-elettrolizzatur jiġi ssodisfat:

(a) l-installazzjoni li tiġġenera l-elettriku rinnovabbli skont il-ftehim dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli tinsab, jew kienet tinsab fiż-żmien meta bdiet topera, fl-istess żona tal-offerti bħall-elettrolizzatur;

(b) l-installazzjoni li tiġġenera l-elettriku rinnovabbli tkun tinsab f'żona tal-offerti interkonnessa, inkluż fi Stat Membru ieħor, u l-prezzijiet tal-elettriku fil-perjodu ta' żmien rilevanti fis-suq ta' ġurnata bil-quddiem imsemmi fl-Artikolu 6 fiż-żona tal-offerti interkonnessa huma daqs jew ogħla minn dawk fiż-żona tal-offerti fejn jiġi prodott il-karburant għat-trasport rinnovabbli likwidu u gassuż ta' oriġini mhux bijoloġika;

(c) l-installazzjoni li tiġġenera l-elettriku rinnovabbli skont il-ftehim dwar ix-xiri tal-enerġija rinnovabbli tinsab f'żona tal-offerti offshore li hija interkonnessa maż-żona tal-offerti fejn jinsab l-elettrolizzatur.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament (UE) 2019/943, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu kriterji addizzjonali dwar il-post tal-elettrolizzaturi u l-installazzjoni li tiġġenera l-elettriku rinnovabbli għall-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1, sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà taż-żidiet fil-kapaċità mal-ippjanar nazzjonali tal-grilja tal-idroġenu u tal-elettriku. Kwalunkwe kriterju addizzjonali ma għandu jkollu l-ebda impatt negattiv fuq il-funzjonament tas-suq intern tal-elettriku.

Artikolu 8

Regoli komuni

Il-produtturi tal-karburanti għandhom jipprovdu informazzjoni affidabbli li turi li r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 7 huma ssodisfati, inkluż għal kull siegħa kif rilevanti:

(a) l-ammont ta' elettriku użat għall-produzzjoni ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, speċifikament kif ġej:

  (i) l-ammont ta' elettriku miksub mill-grilja li ma jgħoddx bħala kompletament rinnovabbli kif ukoll il-proporzjon ta' elettriku rinnovabbli;

  (ii) l-ammont ta' elettriku li jgħodd bħala kompletament rinnovabbli minħabba li jkun inkiseb minn konnessjoni diretta ma' installazzjoni li tiġġenera elettriku rinnovabbli kif stabbilit fl-Artikolu 3;

  (iii) l-ammont ta' elettriku miksub mill-grilja li jgħodd bħala kompletament rinnovabbli f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4(1);

  (iv) l-ammont ta' elettriku li jgħodd bħala kompletament rinnovabbli f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4(2);

  (v) l-ammont ta' elettriku li jgħodd bħala kompletament rinnovabbli f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4(3);

  (vi) l-ammont ta' elettriku li jgħodd bħala kompletament rinnovabbli f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4(4);

(b) l-ammont ta' elettriku rinnovabbli ġġenerat mill-installazzjonijiet li jiġġeneraw l-elettriku rinnovabbli, irrispettivament minn jekk humiex direttament imqabbda ma' elettrolizzatur u irrispettivament minn jekk l-elettriku rinnovabbli jintużax għall-produzzjoni tal-karburant għat-trasport rinnovabbli likwidu u gassuż ta' oriġini mhux bijoloġika jew għal skopijiet oħra;

(c) l-ammonti ta' karburant għat-trasport rinnovabbli u mhux rinnovabbli, likwidu u gassuż ta' oriġini mhux bijoloġika prodott mill-produttur tal-karburant.

Artikolu 9

Ċertifikat ta' konformità

Irrispettivament minn jekk il-karburant għat-trasport rinnovabbli likwidu u gassuż ta' oriġini mhux bijoloġika jiġix prodott fit-territorju tal-Unjoni jew barra minnu, il-produtturi tal-karburanti jistgħu jagħmlu użu minn skemi volontarji nazzjonali jew internazzjonali rikonoxxuti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 30(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 biex juru l-konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 7 ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 8, kif ikun rilevanti.

Meta produttur tal-karburanti jipprovdi evidenza jew *data* miksuba f'konformità ma' skema li kienet is-suġġett ta' deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 30(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, sa fejn tali deċiżjoni tkopri l-wiri tal-konformità tal-iskema mal-Artikolu 27(3), il-ħames u s-sitt subparagrafi ta' dik id-Direttiva, Stat Membru ma għandux jirrikjedi li l-forituri ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika jipprovdu aktar evidenza tal-konformità mal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Rappurtar

Sal-1 ta' Lulju 2028, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fejn tivvaluta l-impatt tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, inkluż l-impatt tal-korrelazzjoni temporali fuq il-kostijiet tal-produzzjoni, l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u s-sistema tal-enerġija.

Artikolu 11

Fażi tranżizzjonali

L-Artikolu 5, il-punti (a) u (b) ma għandhomx japplikaw qabel l-1 ta' Jannar 2038 għall-installazzjonijiet li jipproduċu karburant għat-trasport rinnovabbli likwidu u gassuż ta' oriġini mhux bijoloġika li jibdew joperaw qabel l-1 ta' Jannar 2028. Din l-eżenzjoni ma għandhiex tapplika għall-kapaċità miżjuda wara l-1 ta' Jannar 2028 għall-produzzjoni ta' karburant għat-trasport rinnovabbli likwidu u gassuż ta' oriġini mhux bijoloġika.

Artikolu 12

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1185

tal-10 ta' Frar 2023

li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi livell limitu minimu għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat u billi jispeċifika metodoloġija għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn fjuwils rinnovabbli likwidi u gassużi għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u minn fjuwils tal-karbonju riċiklat

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 25(2) u l-Artikolu 28(5) tagħha,

Billi:

(1) Filwaqt li titqies il-ħtieġa li jitnaqqsu b'mod sostanzjali l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur tat-trasport u l-possibbiltà li kull fjuwil jagħmel iffrankar sinifikanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra billi jiġu applikati tekniki tal-qbid u l-ħżin tal-karbonju, fost miżuri oħra, u meta jitqiesu r-rekwiżiti tal-iffrankar ta' gassijiet serra stabbiliti għal fjuwils oħra fid-Direttiva (UE) 2018/2001, jenħtieġ li jiġi stabbilit livell limitu minimu ta' ffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' 70 % għat-tipi kollha ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat.

(2) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli ċari, ibbażati fuq kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, għall-kalkolu tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-fjuwils rinnovabbli likwidi u gassużi għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u għall-fjuwils tal-karbonju riċiklat u l-komparaturi tal-fjuwils fossili tagħhom.

(3) Il-metodoloġija tal-kontabbiltà tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jenħtieġ li tqis l-emissjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ mill-produzzjoni ta' fjuwils rinnovabbli likwidi u gassużi għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u fjuwils tal-karbonju riċiklat u tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

(4) Il-krediti jenħtieġ li ma jingħatawx għall-qbid tas-CO_2 li diġà ġie kkunsidrat skont dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, dak it-tip ta' CO_2 maqbud jenħtieġ li ma jitqiesx bħala evitat meta jiġu ddeterminati l-emissjonijiet mill-użu jew mid-destin eżistenti tal-inputs.

(5) L-oriġini tal-karbonju użat għall-produzzjoni ta' fjuwils rinnovabbli likwidi u gassużi għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat mhijiex rilevanti għad-determinazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' tali fjuwils fuq terminu qasir, peress li attwalment ħafna sorsi tal-karbonju huma disponibbli u jistgħu jinqabdu filwaqt li jsir progress fid-dekarbonizzazzjoni. F'ekonomija fi trajettorja lejn in-newtralità klimatika sal-2050, is-sorsi tal-karbonju li jistgħu jinqabdu jenħtieġ li jsiru skarsi fuq terminu medju sa twil, dejjem iktar ristretti għall-emissjonijiet tas-CO_2 li huma l-iktar diffiċli biex jitnaqqsu. Barra minn hekk, l-użu kontinwu ta' fjuwils rinnovabbli likwidi u gassużi għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat li fihom il-karbonju minn fjuwils mhux sostenibbli mhuwiex kompatibbli ma' trajettorja lejn in-newtralità klimatika sal-2050 peress li jkun jinvolvi l-użu kontinwu ta' fjuwils mhux sostenibbli u l-emissjonijiet relatati tagħhom. Għalhekk, il-qbid tal-emissjonijiet minn fjuwils mhux sostenibbli jenħtieġ li ma jitqiesx li jevita l-emissjonijiet b'mod indefinit meta jiġi ddeterminat l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-użu ta' fjuwils rinnovabbli likwidi u gassużi għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u fjuwils tal-karbonju riċiklat. L-emissjonijiet maqbuda mill-kombustjoni ta' fjuwils mhux sostenibbli għall-produzzjoni tal-elettriku jenħtieġ li jitqiesu bħala emissjonijiet evitati sal-2035, peress li l-biċċa l-kbira jenħtieġ li jitnaqqsu sa dik id-data, filwaqt li l-emissjonijiet minn użi oħra ta' fjuwils mhux sostenibbli jenħtieġ li jitqiesu bħala emissjonijiet evitati sal-2040, peress li dawn l-emissjonijiet se jibqgħu iktar fit-tul. Dawn id-dati se jkunu soġġetti għal rieżami fid-dawl tal-implimentazzjoni fis-setturi koperti mid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) tal-mira klimatika għall-Unjoni kollha għall-2040.

([1]) ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82.

([2]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

Il-mira klimatika għall-Unjoni kollha għall-2040 għandha tiġi proposta mill-Kummissjoni sa mhux iktar tard minn sitt xhur mill-ewwel rendikont globali mwettaq skont il-Ftehim ta' Pariġi, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). L-implimentazzjoni tal-mira fid-Direttiva 2003/87/KE se tkompli tiddetermina l-iskarsezza mistennija ta' emissjonijiet f'kull settur.

(6) L-emissjonijiet mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE, jiġifieri minn proċessi industrijali jew mill-kombustjoni ta' fjuwils mhux sostenibbli, jenħtieġ li jiġu evitati, anke jekk ikunu jistgħu jinqabdu u jintużaw għall-produzzjoni ta' fjuwils rinnovabbli likwidi u gassużi għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u fjuwils tal-karbonju riċiklat. Dawn l-emissjonijiet huma soġġetti għall-ipprezzar tal-karbonju biex l-ewwel nett jinċentivaw it-tnaqqis tal-emissjonijiet minn fjuwils mhux sostenibbli. Għalhekk, fejn tali emissjonijiet ma jitqisux upstream permezz ta' pprezzar effettiv tal-karbonju, dawk l-emissjonijiet iridu jitqiesu u jenħtieġ li ma jitqisux bħala evitati.

(7) Il-fjuwils rinnovabbli likwidi u gassużi għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u l-fjuwils tal-karbonju riċiklat jistgħu jiġu prodotti f'diversi proċessi, li jistgħu jipproduċu taħlita ta' tipi differenti ta' fjuwils. Għalhekk, il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jenħtieġ li tkun tista' tikseb l-iffrankar tal-emissjonijiet reali minn dawk il-proċessi, inkluż proċessi li jipproduċu kemm fjuwils rinnovabbli likwidi kif ukoll gassużi għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u fjuwils tal-karbonju riċiklat.

(8) Sabiex tiġi ddeterminata l-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' fjuwils rinnovabbli likwidi u gassużi għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat jeħtieġ li jiġi kkalkolat is-sehem tal-kontenut tal-enerġija ta' tali fjuwils fl-output ta' proċess. Għal dan l-iskop, il-frazzjoni ta' kull tip ta' fjuwil jenħtieġ li tiġi ddeterminata billi l-input tal-enerġija rilevanti għat-tip ta' fjuwil inkwistjoni jiġi diviż bit-total tal-inputs tal-enerġija rilevanti fil-proċess. Fil-każ tal-produzzjoni ta' fjuwils rinnovabbli likwidi u gassużi għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika, jeħtieġ li jiġi ddeterminat jekk l-input tal-elettriku rilevanti għandux jitqies bħala kompletament rinnovabbli. L-input tal-elettriku rilevanti jenħtieġ li jingħadd bħala kompletament rinnovabbli jekk jiġu ssodisfati d-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 27(3), il-ħames u s-sitt subparagrafu, tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Inkella, is-sehem medju tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli fil-pajjiż tal-produzzjoni, kif imkejjel sentejn qabel is-sena inkwistjoni, jenħtieġ li jintuża biex jiġi ddeterminat is-sehem tal-enerġija rinnovabbli. Fil-każ tal-produzzjoni ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat, il-flussi ta' skart likwidu jew solidu ta' oriġini mhux rinnovabbli biss li mhumiex adattati għall-irkupru tal-materjal f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). u l-gass tal-ipproċessar tal-iskart u l-gass tal-eġżost ta' oriġini mhux rinnovabbli li jiġu prodotti bħala konsegwenza inevitabbli u mhux intenzjonata tal-proċess tal-produzzjoni f'installazzjonijiet industrijali jistgħu jitqiesu bħala input tal-enerġija rilevanti għall-produzzjoni tal-fjuwils tal-karbonju riċiklat.

(9) Il-komparatur tal-fjuwils fossili għall-fjuwils rinnovabbli likwidi u gassużi għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u l-fjuwils tal-karbonju riċiklat jenħtieġ li jiġi stabbilit għal 94 gCO_{2eq}/MJ f'konformità mal-valur stabbilit għall-bijofjuwils u l-bijolikwidi fid-Direttiva (UE) 2018/2001.

(10) L-objettiv ewlieni tal-promozzjoni tal-fjuwils tal-karbonju riċiklat huwa li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra billi tittejjeb l-effiċjenza tal-użu tal-materja prima eliġibbli meta mqabbla mal-użi attwali. Peress li l-materja prima li tista' tintuża għall-produzzjoni ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat setgħet diġà kienet qed tintuża għall-produzzjoni tal-enerġija, jixraq li jitqiesu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jirriżultaw mid-devjazzjoni tal-użu ta' dawk l-inputs riġidi mill-użu attwali tagħhom meta jiġu kkalkulati l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. L-istess jenħtieġ li japplika għal inputs riġidi miksuba minn proċessi inkorporati u użati għall-produzzjoni ta' fjuwils rinnovabbli likwidi u gassużi għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika.

(11) Jekk l-elettriku użat għall-produzzjoni ta' fjuwils rinnovabbli likwidi u gassużi għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika jittieħed mill-grilja tal-elettriku u ma jitqiesx bħala kompletament rinnovabbli, jenħtieġ li tiġi applikata l-intensità medja tal-karbonju tal-elettriku kkunsmat fl-Istat Membru fejn jiġi prodott il-fjuwil, peress li dik tiddeskrivi bl-aqwa mod l-intensità tal-gassijiet serra tal-proċess kollu. Inkella, l-elettriku meħud mill-grilja tal-elettriku li jintuża fil-proċess tal-produzzjoni ta' fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux

([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

([4]) Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

bijoloġika u ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat li ma jikkwalifikax bħala kompletament rinnovabbli skont l-Artikolu 27(3) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jista' jiġi attribwit valuri tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra skont l-għadd ta' sigħat ta' tagħbija sħiħa li tkun qed topera l-installazzjoni li tipproduċi fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u fjuwils tal-karbonju riċiklat. Jekk l-elettriku użat għall-produzzjoni ta' fjuwils rinnovabbli likwidi u gassużi għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika jitqies bħala kompletament rinnovabbli skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 27 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, jenħtieġ li tiġi applikata intensità tal-karbonju ta' żero għal din il-provvista tal-elettriku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi livell limitu minimu għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat u jispeċifika l-metodoloġija sabiex jiġi kkalkulat l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn fjuwils rinnovabbli likwidi u gassużi għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u minn fjuwils tal-karbonju riċiklat.

Artikolu 2

L-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-użu ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat għandu jkun ta' mill-inqas 70 %.

Artikolu 3

L-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u minn fjuwils tal-karbonju riċiklat għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Metodoloġija għad-determinazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u minn fjuwils tal-karbonju riċiklat

A. METODOLOĠIJA

1. L-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-produzzjoni u l-użu ta' fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika jew ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat għandhom jiġu kkalkolati kif ġej:

$$E = e_i + e_p + e_{td} + e_u - e_{ccs}$$

fejn:

E =	l-emissjonijiet totali mill-użu tal-fjuwil (gCO_{2eq}/MJ ta' fjuwil)
e_i =	e i elastiċi + e i riġidi - e ex-użu: l-emissjonijiet mill-provvista ta' inputs (gCO_{2eq}/MJ ta' fjuwil)
e i elastiċi =	l-emissjonijiet minn inputs elastiċi (gCO_{2eq}/MJ ta' fjuwil)
e i riġidi =	l-emissjonijiet minn inputs riġidi (gCO_{2eq}/MJ ta' fjuwil)
e ex-użu =	l-emissjonijiet mill-użu eżistenti jew mid-destin tal-inputs (gCO_{2eq}/MJ ta' fjuwil)
e_p =	l-emissjonijiet mill-ipproċessar (gCO_{2eq}/MJ ta' fjuwil)
e_{td} =	l-emissjonijiet mit-trasport u mid-distribuzzjoni (gCO_{2eq}/MJ ta' fjuwil)
e_u =	l-emissjonijiet mill-kombustjoni tal-fjuwil fl-użu finali tiegħu (gCO_{2eq}/MJ ta' fjuwil)
e_{ccs} =	l-iffrankar tal-emissjonijiet mill-qbid tal-karbonju u mill-ħżin ġeoloġiku (gCO_{2eq}/MJ ta' fjuwil)

L-emissjonijiet mill-manifattura ta' makkinarju u tagħmir ma għandhomx jitqiesu.

L-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika jew tal-fjuwils tal-karbonju riċiklat għandha tiġi ddeterminata billi l-emissjonijiet totali tal-proċess li jkopru kull element tal-formula jiġu diviżi bl-ammont totali ta' fjuwil li jirriżulta mill-proċess u għandha tiġi espressa f'termini ta' grammi ta' ekwivalenti ta' CO_2 għal kull MJ ta' fjuwil (g CO_{2eq}/MJ ta' fjuwil). Jekk fjuwil ikun taħlita ta' fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika, fjuwils tal-karbonju riċiklat u fjuwils oħrajn, it-tipi kollha (ta' fjuwil) għandhom jitqiesu li għandhom l-istess intensità ta' emissjonijiet.

L-eċċezzjoni għal din ir-regola hija l-każ tal-ipproċessar konġunt fejn il-fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u l-fjuwils tal-karbonju riċiklat qed jissostitwixxu parzjalment biss input konvenzjonali fi proċess.

F'sitwazzjoni bħal din għandha ssir distinzjoni fil-kalkolu tal-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fuq bażi proporzjonali tal-valur enerġetiku tal-inputs bejn:

— il-parti tal-proċess li hija bbażata fuq l-input konvenzjonali u

— l-parti tal-proċess li hija bbażata fuq fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u fjuwils tal-karbonju riċiklat jekk wieħed jassumi li l-partijiet tal-proċess huma identiċi b'mod ieħor.

Għandha tiġi applikata distinzjoni analoga bejn il-proċessi fejn il-fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u l-fjuwils tal-karbonju riċiklat jiġu pproċessati flimkien mal-bijomassa.

L-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tista' tiġi kkalkolata bħala medja għall-produzzjoni kollha tal-fjuwils li ssehħ matul perjodu ta' mhux aktar minn xahar kalendarju, iżda tista' tiġi kkalkolata wkoll għal intervalli ta' żmien iqsar. Meta l-elettriku li jikkwalifika bħala kompletament rinnovabbli skont il-metodoloġija stabbilita fid-Direttiva (UE) 2018/2001 jintuża bħala input li jtejjeb il-valur tat-tisħin tal-fjuwil jew tal-prodotti intermedji, l-intervall ta' żmien għandu jkun konformi mar-rekwiżiti li japplikaw għal korrelazzjoni temporali. Fejn rilevanti, il-valuri tal-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra kkalkolati għal intervalli ta' żmien individwali jistgħu mbagħad jintużaw sabiex tiġi kkalkolata intensità medja tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għal perjodu ta' mhux aktar minn xahar, diment li l-valuri individwali kkalkolati għal kull perjodu ta' żmien jissodisfaw il-livell limitu minimu ta' ffrankar ta' 70 %.

2. L-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika jew minn fjuwils tal-karbonju riċiklat għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

Iffrankar = $(E_F - E)/E_F$

fejn:

E = l-emissjonijiet totali mill-użu ta' fjuwil likwidu u gassuż rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika jew ta' fjuwil tal-karbonju riċiklat.

E_F = l-emissjonijiet totali mill-komparatur tal-fjuwils fossili.

Għall-fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli kollha għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u għall-fjuwils tal-karbonju riċiklat, l-emissjonijiet totali mill-komparatur tal-fjuwils fossili għandhom ikunu ta' 94 gCO_{2eq}/MJ.

3. Jekk l-output ta' proċess ma jikkwalifikax kompletament bħala fjuwils rinnovabbli likwidi u gassużi għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika jew bħala fjuwil tal-karbonju riċiklat, l-ammonti rispettivi tagħhom fl-output totali għandhom jiġu ddeterminati kif ġej:

(a) il-frazzjoni ta' fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika għandha tiġi ddeterminata billi l-input tal-enerġija rinnovabbli rilevanti fil-proċess jiġi diviż bit-total tal-inputs tal-enerġija rilevanti fil-proċess.

(b) il-frazzjoni ta' fjuwil tal-karbonju riċiklat għandha tiġi ddeterminata billi l-input tal-enerġija rilevanti li jikkwalifika bħala sors għall-produzzjoni ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat fil-proċess jiġi diviż bit-total tal-inputs tal-enerġija rilevanti fil-proċess.

L-enerġija rilevanti għall-inputs tal-materjali hija l-valur tat-tisħin aktar baxx tal-input tal-materjal li jidħol fl-istruttura molekulari tal-fjuwil ([1]).

Għall-inputs tal-elettriku li jintużaw biex jittejjeb il-valur tat-tisħin tal-fjuwil jew tal-prodotti intermedji, l-enerġija rilevanti hija l-enerġija tal-elettriku.

Għall-effluwenti gassużi industrijali, hija l-enerġija fl-effluwent gassuż ibbażata fuq il-valur tat-tisħin aktar baxx tagħhom. Fil-każ ta' sħana li tintuża biex jittejjeb il-valur tat-tisħin tal-fjuwil jew tal-prodott intermedju, l-enerġija rilevanti hija l-enerġija utli fis-sħana li tintuża biex jiġi sintetizzat il-fjuwil. Is-sħana utli hija l-enerġija tas-sħana totali mmultiplikata bl-effiċjenza Carnot, kif definita fil-punt (1)(b) tal-parti C tal-Anness V tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Inputs oħrajn jitqiesu biss meta tiġi ddeterminata l-intensità tal-emissjonijiet tal-fjuwil.

4. Meta jiġu ddeterminati l-emissjonijiet mill-provvista tal-inputs, għandha ssir distinzjoni bejn l-inputs elastiċi u l-inputs riġidi. L-inputs riġidi huma dawk li l-provvista tagħhom ma tistax tiġi estiża biex tissodisfa d-domanda żejda. B'hekk, l-inputs kollha li jikkwalifikaw bħala sors tal-karbonju għall-produzzjoni ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat huma riġidi, kif ukoll l-outputs prodotti fi proporzjon fiss bi proċess inkorporat ([2]) u li jirrappreżentaw inqas minn 10 % tal-valur ekonomiku tal-output. Jekk ikun jirrappreżenta 10 % tal-valur ekonomiku jew iktar, dan għandu jiġi ttrattat bħala elastiku. Fil-prinċipju, l-inputs elastiċi huma dawk li l-provvista tagħhom tista' tiżdied biex tissodisfa d-domanda żejda. Il-prodotti tal-petroleum mir-raffineriji jaqgħu f'din il-kategorija minħabba li r-raffineriji jistgħu jbiddlu l-proporzjon tal-prodotti tagħhom.

5. L-elettriku li jikkwalifika bħala kompletament rinnovabbli skont l-Artikolu 27(3) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 għandu jiġi attribwit żero emissjonijiet tal-gassijiet serra.

6. Għandu jiġi applikat wieħed mit-tliet metodi alternattivi li ġejjin matul kull sena kalendarja biex jiġu attribwiti valuri tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-elettriku meħud mill-grilja li ma jikkwalifikax bħala kompletament rinnovabbli skont l-Artikolu 27(3) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u jintuża għall-produzzjoni ta' fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u fjuwils tal-karbonju riċiklat:

(a) il-valuri tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għandhom jiġu attribwiti skont il-Parti C ta' dan l-Anness. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat;

([1]) Għall-inputs tal-materjali li jkun fihom l-ilma, il-valur tat-tisħin aktar baxx jitqies bħala l-valur tat-tisħin aktar baxx tal-parti xotta tal-input tal-materjal (jiġifieri l-enerġija meħtieġa biex l-ilma jiġi evaporat ma titqiesx). Il-fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika użati bħala prodotti intermedji għall-produzzjoni ta' fjuwils konvenzjonali ma jiġux ikkunsidrati.

([2]) Il-proċessi inkorporati jinkludu l-proċessi li jseħħu fl-istess kumpless industrijali, jew li jfornu l-input permezz ta' infrastruttura tal-provvista ddedikata, jew li jfornu aktar minn nofs l-enerġija tal-inputs kollha għall-produzzjoni ta' fjuwil likwidu u gassuż rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika jew ta' fjuwil tal-karbonju riċiklat.

(b) il-valuri tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għandhom jiġu attribwiti skont l-għadd ta' sigħat ta' tagħbija sħiħa li tkun qed topera l-installazzjoni li tipproduċi fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u fjuwils tal-karbonju riċiklat. Fejn l-għadd ta' sigħat ta' tagħbija sħiħa jkun daqs jew inqas mill-għadd ta' sigħat li fihom il-prezz marġinali tal-elettriku ġie stabbilit minn installazzjonijiet li jipproduċu l-elettriku rinnovabbli jew l-impjanti tal-enerġija nukleari fis-sena kalendarja preċedenti li għalihom hemm disponibbli data affidabbli, l-elettriku mill-grilja użat fil-proċess tal-produzzjoni ta' fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat għandu jiġi attribwit valur tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' żero g CO_{2eq}/MJ. Meta jinqabeż dan l-għadd ta' sigħat ta' tagħbija sħiħa, l-elettriku mill-grilja użat fil-proċess tal-produzzjoni ta' fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat għandu jiġi attribwit valur tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' 183 g CO_{2eq}/MJ; jew

(c) il-valur tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-unità marġinali li tiġġenera l-elettriku fiż-żmien tal-produzzjoni tal-fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika fiż-żona tal-offerti jista' jintuża jekk din l-informazzjoni tkun disponibbli għall-pubbliku mill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni nazzjonali.

Jekk jintuża l-metodu stabbilit fil-punt (b), dan għandu jiġi applikat ukoll għall-elettriku li jintuża għall-produzzjoni ta' fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika u ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat u jikkwalifika bħala kompletament rinnovabbli skont l-Artikolu 27(3) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

7. L-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' inputs elastiċi li jinkisbu minn proċess inkorporat għandhom jiġu ddeterminati abbażi tad-*data* mill-proċess ta' produzzjoni attwali tagħhom. Dan għandu jinkludi l-emissjonijiet kollha li jinħolqu minħabba l-produzzjoni tagħhom tul il-katina tal-provvista kollha (inklużi l-emissjonijiet li jinħolqu mill-estrazzjoni tal-enerġija primarja meħtieġa biex isir l-input, l-ipproċessar tal-input u t-trasport tal-input). L-emissjonijiet mill-kombustjoni relatati mal-kontenut tal-karbonju tal-inputs tal-fjuwil ma għandhomx jiġu inklużi ([3]).

Madankollu, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-inputs elastiċi li ma jinkisbux minn proċess inkorporat għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-valuri inklużi fil-Parti B ta' dan l-Anness. Jekk l-input ma jkunx inkluż fil-lista, l-informazzjoni dwar l-intensità tal-emissjonijiet tista' tittieħed mill-aħħar verżjoni tar-rapport JEC-WTW, mill-bażi tad-*data* ECOINVENT, minn sorsi uffiċjali bħall-IPCC, mill-AIE jew mill-gvern, minn sorsi rieżaminati oħrajn bħall-bażi tad-*data* E3 u GEMIS u minn pubblikazzjonijiet rieżaminati bejn il-pari.

8. Il-fornitur ta' kull input, minbarra dawk fejn il-valuri jittieħdu mill-parti B ta' dan l-Anness, għandu jikkalkula l-intensità tal-emissjonijiet ([4]) tal-input skont il-proċeduri f'dan id-dokument, u għandu jirrapporta l-valur għall-istadju tal-produzzjoni li jmiss jew lill-produttur tal-fjuwil finali. L-istess regola tapplika għall-fornituri tal-inputs aktar lura fil-katina tal-provvista.

9. L-emissjonijiet minn inputs riġidi għandhom jinkludu l-emissjonijiet li jirriżultaw mid-devjazzjoni ta' dawk l-inputs minn użu preċedenti jew alternattiv. Dawn l-emissjonijiet għandhom iqisu t-telf tal-produzzjoni tal-elettriku, tas-sħana jew tal-prodotti li qabel kienu ġġenerati bl-użu tal-input, kif ukoll kwalunkwe emissjoni minħabba trattament addizzjonali tal-input u t-trasport. Għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) l-emissjonijiet attribwiti għall-provvista ta' inputs riġidi għandhom jiġu ddeterminati billi l-produzzjoni mitlufa tal-elettriku, tas-sħana jew ta' prodotti oħrajn tiġi mmultiplikata bil-fattur ta' emissjoni rilevanti. Fil-każ ta' produzzjoni tal-elettriku mitlufa, il-fatturi ta' emissjoni li għandhom jiġu kkunsidrati huma għall-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-grilja fil-pajjiż fejn seħħ l-ispostament kif iddeterminat skont il-metodoloġija xierqa stabbilita fil-punti 5 jew 6. Fil-każ ta' materjal iddevjat, l-emissjonijiet li għandhom jiġu attribwiti lill-materjal ta' sostituzzjoni jiġu kkalkolati bħal dawk għall-inputs tal-materjal f'din il-metodoloġija. Għall-ewwel 20 sena wara l-bidu tal-produzzjoni ta' fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika jew ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat, it-telf tal-produzzjoni tal-elettriku, tas-sħana u tal-materjal għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-ammont medju ta' elettriku u sħana li ġie prodott mill-input riġidu matul l-aħħar tliet snin qabel il-bidu tal-produzzjoni ta' fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika jew ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat. Wara 20 sena ta' produzzjoni, it-telf tal-produzzjoni tal-elettriku, tas-sħana jew ta' prodotti oħrajn għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-istandards minimi tar-rendiment tal-enerġija preżunti f'konklużjonijiet pertinenti tal-aħjar teknoloġija disponibbli (BAT). Meta l-proċess ma jkunx kopert minn BAT, l-istima tal-produzzjoni mitlufa għandha tkun ibbażata fuq proċess komparabbli li japplika teknoloġija mill-aktar avvanzata.

([3]) Jekk l-intensitajiet tal-karbonju jittieħdu mit-tabella fil-parti B, l-emissjonijiet mill-kombustjoni ma għandhomx jitqiesu. Dan minħabba li l-emissjonijiet mill-kombustjoni jinghaddu fl-ipproċessar jew fl-emissjonijiet mill-kombustjoni tal-fjuwil finali.

([4]) B'mod konsistenti mat-taqsima 6, l-intensità tal-emissjonijiet ma għandhiex tinkludi l-emissjonijiet inkorporati fil-kontenut tal-karbonju tal-input fornut.

(b) fil-każ ta' inputs riġidi li huma flussi intermedji fil-proċessi industrijali, bħall-gass tal-forn tal-kokk, il-gass tal-forn tal-blast f'impjant tal-azzar, jew il-gass tar-raffineriji f'raffinerija taż-żejt, jekk l-effett tad-devjazzjoni tiegħu għall-produzzjoni tal-fjuwil ma jkunx jista' jitkejjel direttament, l-emissjonijiet minħabba d-devjazzjoni tal-inputs għandhom jiġu ddeterminati abbażi ta' simulazzjonijiet tal-operat tal-impjant qabel u wara li jiġi mmodifikat biex jiġu prodotti fjuwils tal-karbonju riċiklat. Jekk il-modifika tal-impjant ikkawżat tnaqqis fl-output ta' xi prodotti, l-emissjonijiet attribwiti għall-input riġidu għandhom jinkludu l-emissjonijiet assoċjati mas-sostituzzjoni tal-prodotti mitlufa.

(c) meta l-proċess jagħmel użu minn inputs riġidi minn installazzjonijiet ġodda bħal impjant tal-azzar ġdid li juża l-gass tal-forn tal-blast tiegħu biex jagħmel fjuwils tal-karbonju riċiklat, għandu jitqies l-impatt tad-devjazzjoni tal-input mill-aktar użu alternattiv ekonomiku. Imbagħad, l-implikazzjonijiet tal-emissjonijiet jiġu kkalkolati skont l-istandards minimi tar-rendiment tal-enerġija preżunti fil-konklużjonijiet pertinenti tal-BAT. Għall-proċessi industrijali li mhumiex koperti minn BAT, l-emissjonijiet iffrankati għandhom jiġu kkalkolati abbażi tal-proċess komparabbli li japplika teknoloġija mill-aktar avvanzata.

10. L-emissjonijiet mill-użu eżistenti jew mid-destin jinkludu l-emissjonijiet kollha fl-użu eżistenti jew fid-destin tal-input li jiġu evitati meta jintuża l-input għall-produzzjoni tal-fjuwil. Dawn l-emissjonijiet għandhom jinkludu l-ekwivalenti tas-CO_2 tal-karbonju inkorporat fil-kompożizzjoni kimika tal-fjuwil li kieku kien ikun emess bħala CO_2 fl-atmosfera. Dan jinkludi s-CO_2 li jkun inqabad u ġie inkorporat fil-fjuwil, diment li tiġi ssodisfata mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-CO_2 ikun inqabad minn attività elenkata fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE u tqies upstream f'sistema effettiva ta' pprezzar tal-karbonju u ġie inkorporat fil-kompożizzjoni kimika tal-fjuwil qabel l-2036. Din id-data għandha tiġi estiża sal-2041 f'każijiet oħrajn għajr għas-CO_2 li ġej mill-kombustjoni ta' fjuwils għall-ġenerazzjoni tal-elettriku; jew

(b) is-CO_2 ikun inqabad mill-arja; jew

(c) is-CO_2 maqbud ġej mill-produzzjoni jew mill-kombustjoni ta' bijofjuwils, bijolikwidi jew fjuwils tal-bijomassa li jikkonformaw mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar ta' gassijiet serra u l-qbid tas-CO_2 ma jkunx irċieva krediti għall-iffrankar tal-emissjonijiet mill-qbid u s-sostituzzjoni tas-CO_2, stabbiliti fl-Anness V u VI tad-Direttiva (UE) 2018/2001; jew

(d) is-CO_2 maqbud ġej mill-kombustjoni ta' fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika jew ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat li jikkonformaw mal-kriterji tal-iffrankar ta' gassijiet serra, stabbiliti fl-Artikolu 25(2) u l-Artikolu 28(5) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u f'dan ir-Regolament; jew

(e) is-CO_2 maqbud jirriżulta minn sors ġeoloġiku ta' CO_2 u s-CO_2 kien ġie rilaxxat b'mod naturali qabel.

CO_2 maqbud li ġej minn fjuwil li jinħaraq deliberatament għall-fini speċifiku tal-produzzjoni tas-CO_2 u CO_2, li l-qbid tiegħu jkun irċieva kreditu ta' emissjonijiet skont dispożizzjonijiet oħrajn tal-liġi ma għandux jiġi inkluż.

L-emissjonijiet assoċjati mal-inputs, bħall-elettriku u s-sħana, u l-materjali konsumabbli użati fil-proċess tal-qbid tas-CO_2 għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tal-emissjonijiet attribwiti lill-inputs.

11. Id-dati stabbiliti fil-punt 10(a) se jkunu soġġetti għal rieżami filwaqt li titqies l-implimentazzjoni fis-setturi koperti mid-Direttiva 2003/87/KE tal-mira klimatika għall-Unjoni kollha għall-2040 stabbilita f'konformità mal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2021/1119.

12. L-emissjonijiet mill-ipproċessar għandhom jinkludu l-emissjonijiet atmosferiċi diretti mill-ipproċessar innifsu, mit-trattament tal-iskart u mit-tnixxijiet.

13. L-emissjonijiet mill-kombustjoni tal-fjuwil jirreferu għall-emissjonijiet totali mill-kombustjoni tal-fjuwil li jkun qed jintuża.

14. Il-gassijiet serra kkunsidrati fil-kalkoli tal-emissjonijiet, u l-ekwivalenti tad-diossidu tal-karbonju tagħhom, għandhom ikunu l-istess bħal dawk speċifikati fl-Anness V, il-parti C, il-punt 4 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

15. Fejn proċess irendi koprodotti multipli bħal fjuwils jew sustanzi kimiċi, kif ukoll koprodotti tal-enerġija bħas-sħana, l-elettriku jew l-enerġija mekkanika esportati mill-impjant, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra għandhom jiġu allokati għal dawn il-koprodotti bl-applikazzjoni tal-approċċi li ġejjin bil-mod li ġej:

(a) l-allokazzjoni għandha titwettaq fi tmiem il-proċess li jipproduċi l-koprodotti. L-emissjonijiet allokati għandhom jinkludu l-emissjonijiet mill-proċess innifsu, kif ukoll l-emissjonijiet attribwiti lill-inputs għall-proċess;

(b) l-emissjonijiet li għandhom jiġu allokati għandhom ikunu e_i flimkien ma' kwalunkwe frazzjoni ta' e_p, e_{td} u e_{ccs} li jseħħu sa u inkluż l-istadju tal-proċess li fih jiġu manifatturati l-koprodotti. Jekk input fil-proċess ikun fih innifsu koprodott ta' proċess ieħor, l-allokazzjoni fil-proċess l-ieħor għandha ssir l-ewwel biex jiġu stabbiliti l-emissjonijiet li għandhom jiġu attribwiti lill-input;

(c) jekk kwalunkwe installazzjoni ġewwa l-konfini tal-proġett tittratta biss wieħed mill-koprodotti tal-proġett, allura l-emissjonijiet minn dik l-installazzjoni għandhom jiġu attribwiti kompletament għal dak il-koprodott;

(d) meta l-proċess jippermetti li jinbidel il-proporzjon tal-koprodotti manifatturati, l-allokazzjoni għandha ssir abbażi tal-kawżalità fiżika billi jiġi ddeterminat l-effett fuq l-emissjonijiet tal-proċess ta' inkrementazzjoni tal-output ta' koprodott wieħed biss, filwaqt li l-outputs l-oħrajn jinżammu kostanti;

(e) meta l-proporzjon tal-prodotti jkun fiss u l-koprodotti jkunu kollha fjuwils, elettriku jew sħana, l-allokazzjoni għandha ssir skont il-kontenut tal-enerġija. Jekk l-allokazzjoni tkun tikkonċerna s-sħana esportata abbażi tal-kontenut tal-enerġija, tista' titqies biss il-parti utli tas-sħana, kif definita fl-Anness V, il-parti C, il-punt 16 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

(f) meta l-proporzjon tal-prodotti jkun fiss u xi koprodotti jkunu materjali mingħajr kontenut ta' enerġija, l-allokazzjoni għandha ssir skont il-valur ekonomiku tal-koprodotti. Il-valur ekonomiku kkunsidrat għandu jkun il-valur medju tal-ħruġ mill-fabbrika tal-prodotti matul l-aħħar tliet snin. Jekk tali *data* ma tkunx disponibbli, il-valur għandu jiġi stmat mill-prezzijiet tal-komoditajiet u jitnaqqas il-kost tat-trasport u tal-ħżin ([5]).

16. L-emissjonijiet mit-trasport u mid-distribuzzjoni għandhom jinkludu l-emissjonijiet mill-ħżin u d-distribuzzjoni tal-fjuwils lesti. L-emissjonijiet attribwiti lill-inputs e_i għandhom jinkludu l-emissjonijiet mit-trasport u l-ħżin assoċjati tagħhom.

17. Fejn proċess biex isiru fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika jew fjuwils tal-karbonju riċiklat jipproduċi emissjonijiet tal-karbonju li jinħażnu b'mod permanenti f'konformità mad-Direttiva 2009/31/KE dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju, dan jista' jiġi kkreditat lill-prodotti tal-proċess bħala tnaqqis fl-emissjonijiet taħt e_{ccs}. L-emissjonijiet li jinħolqu minħabba l-operazzjoni ta' ħżin (inkluż it-trasport tad-diossidu tal-karbonju) se jkollhom jitqiesu wkoll taħt e_p.

B. "VALURI STANDARD" GĦALL-INTENSITAJIET TAL-EMISSJONIJIET TA' GASSIJIET SERRA TAL-INPUTS ELASTIĊI

L-intensitajiet tal-gassijiet serra tal-inputs minbarra l-elettriku huma murija fit-tabella ta' hawn taħt:

	Emissjonijiet totali gCO_{2eq}/MJ	Emissjonijiet upstream gCO_{2eq}/MJ	Emissjonijiet mill-kombustjoni gCO_{2eq}/MJ
Gass naturali	66,0	9,7	56,2
Diżil	95,1	21,9	73,2
Gażolina	93,3	19,9	73,4
Żejt tal-fjuwil tqil	94,2	13,6	80,6
Metanol	97,1	28,2	68,9
Antraċit	112,3	16,2	96,1
Linjite	116,7	1,7	115,0

([5]) Innota li huma l-valuri relattivi tal-koprodotti li huma importanti, għalhekk l-inflazzjoni ġenerali mhijiex kwistjoni.

	gCO_{2eq}/kg
Ammonijaka	2 351,3
Klorur tal-kalċju ($CaCl_2$)	38,8
Ċikloeżan	723,0
Aċidu idrokloriku (HCl)	1 061,1
Lubrikanti	947,0
Sulfat tal-manjeżju ($MgSO_4$)	191,8
Nitroġenu	56,4
Aċidu fosforiku (H_3PO_4)	3 124,7
Idrossidu tal-potassju (KOH)	419,1
CaO pur għall-proċessi	1 193,2
Karbonat tas-sodju (Na_2CO_3)	1 245,1
Klorur tas-sodju (NaCl)	13,3
Idrossidu tas-sodju (NaOH)	529,7
Metossidu tas-sodju ($Na(CH_3O)$)	2 425,5
SO_2	53,3
Aċidu sulfuriku (H_2SO_4)	217,5
Urea	1 846,6

C. INTENSITÀ TAL-EMISSJONIJIET TAL-GASSIJIET SERRA TAL-ELETTRIKU

L-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-elettriku għandha tiġi ddeterminata fil-livell tal-pajjiżi jew fil-livell taż-żoni tal-offerti. L-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-elettriku tista' tiġi ddeterminata fil-livell taż-żoni tal-offerti biss, jekk id-*data* meħtieġa tkun disponibbli pubblikament. Il-kalkolu tal-intensità tal-karbonju tal-elettriku, espress bħala gCO_{2eq}/kWh ta' elettriku, għandu jikkunsidra s-sorsi ta' enerġija primarja potenzjali kollha għall-ġenerazzjoni tal-elettriku, it-tip ta' impjant, l-effiċjenzi tal-konverżjoni u l-konsum tal-elettriku proprju fl-impjant tal-enerġija.

Il-kalkolu għandu jikkunsidra l-emissjonijiet ekwivalenti tal-karbonju kollha, assoċjati mal-kombustjoni u l-provvista tal-fjuwils użati għall-produzzjoni tal-elettriku. Dan jiddependi fuq l-ammont ta' fjuwils differenti użati fil-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-elettriku u l-fatturi tal-emissjonijiet mill-kombustjoni tal-fjuwil u l-fatturi tal-emissjonijiet tal-fjuwil upstream.

Il-Gassijiet Serra minbarra s-CO_2 għandhom jiġu kkonvertiti f'CO_{2eq} billi jiġi mmultiplikat il-Potenzjal ta' Tisħin Globali (Global Warming Potential — GWP) tagħhom relattiv għas-CO_2 matul il-perjodu ta' żmien ta' 100 sena kif stabbilit fid-Direttiva (UE) 2018/2001, l-Anness V, il-parti C, il-punt 4. Minħabba l-oriġini bijoġenika tagħhom, l-emissjonijiet tas-CO_2 mill-kombustjoni tal-fjuwils tal-bijomassa ma jiġux ikkunsidrati, iżda għandhom jiġu kkunsidrati l-emissjonijiet ta' CH_4 u ta' N_2O.

Għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kombustjoni tal-fjuwils, għandhom jintużaw il-fatturi tal-emissjonijiet prestabbiliti tal-IPCC għall-kombustjoni stazzjonarja fl-industriji tal-enerġija (IPCC 2006). L-emissjonijiet upstream għandhom jinkludu l-emissjonijiet mill-proċessi u l-fażijiet kollha meħtieġa sabiex il-fjuwil ikun lest biex iforni l-produzzjoni tal-enerġija; dawn jirriżultaw mill-estrazzjoni, mir-raffinar u mit-trasport tal-fjuwil użat għall-produzzjoni tal-elettriku.

Barra minn hekk, għandhom jitqiesu l-emissjonijiet upstream kollha mill-kultivazzjoni, il-ħsad, il-ġbir, l-ipproċessar u t-trasport tal-bijomassa. Il-pit u l-komponenti tal-materjali ta' skart li jkunu minn oriġini fossili għandhom jiġu ttrattati bħala fjuwil fossili.

Il-fjuwils użati għall-produzzjoni grossa tal-elettriku fl-impjanti tal-elettriku biss huma ddeterminati abbażi tal-produzzjoni tal-elettriku u l-effiċjenza tal-konverżjoni għall-elettriku. Fil-każ ta' Sħana u Enerġija Kkombinati (Combined Heat and Power - CHP), il-fjuwils użati għas-sħana prodotta fis-CHP għandhom jingħaddu billi tiġi kkunsidrata l-produzzjoni ta' sħana alternattiva b'effiċjenzi ġenerali medji ta' 85 %, filwaqt li l-bqija għandhom jiġu attribwiti għall-ġenerazzjoni tal-elettriku.

Għall-impjanti tal-enerġija nukleari, l-effiċjenza tal-konverżjoni mis-sħana nukleari għandha tkun preżunta li hija ta' 33 % jew id-*data* pprovduta mill-Eurostat jew sors akkreditat simili.

L-ebda fjuwil ma huwa assoċjat mal-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli li jinkludu l-enerġija idro, solari, eolika u ġeotermali. L-emissjonijiet mill-kostruzzjoni u d-dekummissjonar u l-immaniġġjar tal-iskart tal-faċilitajiet li jipproduċu l-elettriku ma jiġux ikkunsidrati. B'hekk, l-emissjonijiet ekwivalenti għall-karbonju assoċjati mal-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli (eoliku, solari, idro u ġeotermali) jitqiesu li huma ugwali għal żero.

L-emissjonijiet ekwivalenti ta' CO_2 mill-produzzjoni grossa tal-elettriku għandhom jinkludu l-emissjonijiet upstream minn JEC WTW v5 (Prussi *et al*, 2020) elenkati fit-Tabella 3 u l-fatturi prestabbiliti tal-emissjonijiet għall-kombustjoni stazzjonarja mil-Linji Gwida tal-IPCC għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra (IPCC 2006) elenkati fit-Tabelli 1 u 2. L-emissjonijiet upstream għall-provvista tal-fjuwil użat għandhom jiġu kkalkolati billi jiġu applikati l-fatturi tal-emissjonijiet upstream ta' JEC WTW v5 (Prussi *et al*, 2020).

Il-kalkolu tal-intensità tal-karbonju tal-elettriku għandu jsir skont il-formula:

$$e_{gross_prod} = \sum_{i=1}^{k} (c_{i-ups} + c_{i-comb}) \times B_i$$

fejn:

e_{gross_prod} = emissjonijiet ekwivalenti ta' CO^2 $[gCO_{2eq}]$

c_{i-ups} = fatturi tal-emissjonijiet upstream ekwivalenti ta' CO_2 $\left[\frac{gCO_{2eq}}{MJ}\right]$

c_{i-comb} = fatturi tal-emissjonijiet ekwivalenti ta' CO_2 mill-kombustjoni tal-fjuwils $\left[\frac{gCO_{2eq}}{MJ}\right]$

B_i = il-konsum tal-fjuwil għall-ġenerazzjoni tal-elettriku $[MJ]$

$i = 1 \ldots k$ = il-fjuwils użati għall-produzzjoni tal-elettriku

L-ammont ta' produzzjoni netta tal-elettriku jiġi ddeterminat mill-produzzjoni grossa tal-elettriku, mill-konsum proprju tal-elettriku fl-impjant tal-enerġija u mit-telf tal-elettriku fil-ħżin tal-pompa.

$$E_{net} = E_{gross} - E_{own} - E_{pump}$$

fejn:

E_{net} = il-produzzjoni netta tal-elettriku $[MJ]$

E_{gross} = il-produzzjoni grossa tal-elettriku $[MJ]$

E_{own} = il-konsum intern proprju tal-elettriku fl-impjant tal-enerġija $[MJ]$

E_{pump} = l-elettriku għall-ippompjar $[MJ]$

L-intensità tal-karbonju tal-elettriku nett prodott għandha tkun l-emissjonijiet tal-gassijiet serra grossi totali għall-produzzjoni jew għall-użu tal-elettriku nett:

$$CI = \frac{e_{gross_prod}}{E_{net}}$$

fejn: CI =l-emissjonijiet ekwivalenti ta' CO_2 mill-produzzjoni tal-elettriku $\left[\frac{gCO_{2eq}}{MJ}\right]$

Data dwar il-produzzjoni tal-elettriku u l-konsum tal-fjuwil

Id-*data* dwar il-produzzjoni tal-elettriku u l-konsum tal-fjuwil għandha tinkiseb mid-*data* u l-istatistika tal-AIE li jipprovdu data dwar il-bilanċi tal-enerġija u l-elettriku prodott bl-użu ta' diversi fjuwils, pereżempju, mis-sit web tal-AIE, it-taqsima dwar id-*Data* u l-Istatistika ("Brawżer tad-*Data* tal-Istatistika tal-Enerġija") ([6]).

([6]) Eżempju: https://www.iea.org/data-and-statistics/data-tools/energy-statistics-data-browser?country=GERMANY&energy=Coal&year=202

Għall-Istati Membri tal-UE, id-*data* tal-Eurostat hija aktar dettaljata u tista' tintuża minflok. Meta l-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tiġi stabbilita fil-livell taż-żoni tal-offerti, għandha tintuża d-*data* mill-istatistika nazzjonali uffiċjali tal-istess livell ta' dettall bħad-*data* tal-AIE. Id-*data* dwar il-konsum tal-fjuwil għandha tinkludi d-*data* disponibbli fl-ogħla livell ta' dettall disponibbli mill-istatistika nazzjonali: fjuwils fossili solidi, gassijiet manifatturati, pit u prodotti tal-pit, shale bituminuż u ramel bituminuż, prodotti taż-żejt u tal-petroleum, gass naturali, sorsi rinnovabbli u bijofjuwils, skart mhux rinnovabbli u nukleari. Is-sorsi rinnovabbli u l-bijofjuwils jinkludu l-bijofjuwils, l-iskart munċipali rinnovabbli, l-enerġija idro, mill-oċeani, ġeotermali, eolika, solari u l-pompi tas-sħana.

Data tal-input minn sorsi tal-letteratura

Tabella 1

Fatturi ta' emissjonijiet prestabbiliti għall-kombustjoni stazzjonarja [g/MJ ta' fjuwil fuq valur kalorifiku nett]

Fjuwil	CO_2	CH_4	N_2O
Fjuwils fossili solidi			
Antraċite	98,3	0,001	0,0015
Faħam għal kokkjar	94,6	0,001	0,0015
Faħam bituminuż ieħor	94,6	0,001	0,0015
Faħam subbituminuż	96,1	0,001	0,0015
Linjite	101	0,001	0,0015
Fjuwil bil-privattiva	97,5	0,001	0,0015
Kokk tal-fran tal-kokk	107	0,001	0,0015
Kokk tal-gass	107	0,001	0,0001
Qatran tal-faħam	80,7	0,001	0,0015
Mattunelli tal-faħam kannella	97,5	0,001	0,0015
Gassijiet manifatturati			
Gass tax-xogħlijiet tal-gass	44,4	0,001	0,0001
Gass tal-forn tal-kokk	44,4	0,001	0,0001
Gass tal-forn tal-blast	260	0,001	0,0001
Gassijiet irkuprati ohrajn	182	0,001	0,0001
Pit u prodotti tal-pit	106	0,001	0,0015
Shale bituminuż u ramel bituminuż	73,3	0,003	0,0006
Żejt u prodotti tal-petroleum			
Żejt grezz	73,3	0,003	0,0006
Likwidi tal-gass naturali	64,2	0,003	0,0006
Materja prima tar-raffineriji	73,3	0,003	0,0006
Addittivi u ossiġenati	73,3	0,003	0,0006
Idrokarburi oħrajn	73,3	0,003	0,0006
Gass tar-raffineriji	57,6	0,001	0,0001
Etan	61,6	0,001	0,0001
Gassijiet likwifikati miż-żejt	63,1	0,001	0,0001
Petrol tal-magni	69,3	0,003	0,0006

Gażolina tal-avjazzjoni	70	0,003	0,0006
Fjuwil tal-ġettijiet tat-tip tal-gażolina	70	0,003	0,0006
Fjuwil tal-ġettijiet tat-tip tal-pitrolju	71,5	0,003	0,0006
Pitrolju ieħor	71,5	0,003	0,0006
Nafta	73,3	0,003	0,0006
Żejt tal-gass u żejt tad-diżil	74,1	0,003	0,0006
Żejt tal-fjuwil	77,4	0,003	0,0006
Spirtu abjad u SBP	73,3	0,003	0,0006
Lubrikanti	73,3	0,003	0,0006
Bitum	80,7	0,003	0,0006
Kokk tal-petroleum	97,5	0,003	0,0006
Xemgħat tal-paraffina	73,3	0,003	0,0006
Prodotti oħrajn taż-żejt	73,3	0,003	0,0006
Gass naturali	56,1	0,001	0,0001
Skart			
Skart industrijali (mhux rinnovabbli)	143	0,03	0,004
Skart municipali mhux rinnovabbli	91,7	0,03	0,004

Nota: il-valuri għandhom jiġu mmultiplikati bil-fatturi GWP stabbiliti fl-Anness V, il-parti C, il-punt 4 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.
Sors: IPCC, 2006.

Tabella 2

Fatturi ta' emissjonijiet prestabbiliti għall-kombustjoni stazzjonarja tal-fjuwils ta' oriġini mill-bijomassa [g/MJ ta' fjuwil fuq valur kalorifiku nett]

Fjuwil	CO_2	CH_4	N_2O
Bijofjuwils solidi primarji	0	0,03	0,004
Karbonju	0	0,2	0,004
Bijogassijiet	0	0,001	0,0001
Skart municipali rinnovabbli	0	0,03	0,004
Bijogażolina pura	0	0,003	0,0006
Bijogażolina mħallta	0	0,003	0,0006
Bijodiżil pur	0	0,003	0,0006
Bijodiżil imħallat	0	0,003	0,0006
Pitrolju bijoloġiku pur tal-ġettijiet	0	0,003	0,0006
Pitrolju bijoloġiku mħallat tal-ġettijiet	0	0,003	0,0006
Bijofjuwils likwidi oħrajn	0	0,003	0,0006

Sors: IPCC, 2006.

Tabella 3

Fatturi ta' emissjonijiet upstream tal-fjuwil [g CO_{2eq}/MJ ta' fjuwil fuq valur kalorifiku nett]

Fjuwil	Fattur ta' emissjoni
Antraċit	15,9
Faħam kannella	1,7
Pit	0
Gassijiet tal-faħam	0
Prodotti tal-petroleum	11,6
Gass naturali	12,7
Bijofjuwils solidi	0,7
Bijofjuwils likwidi	46,8
Skart industrijali	0
Skart muniċipali	0
Bijogassijiet	13,7
Nukleari	1,2

Sors: JEC WTW v5.

It-Tabella A tinkludi l-valuri għall-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-elettriku fil-livell tal-pajjiż fl-Unjoni Ewropea. Jekk l-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-elettriku tiġi ddeterminata fil-livell tal-pajjiż, dawn il-valuri għandhom jintużaw għall-elettriku miksub fl-Unjoni Ewropea sakemm issir disponibbli *data* iktar reċenti biex tiġi ddeterminata l-intensità tal-emissjonijiet tal-elettriku ([7]).

Tabella A

Intensità tal-emissjonijiet tal-elettriku fl-Unjoni Ewropea 2020

Pajjiż	Intensità tal-emissjonijiet tal-elettriku ġġenerat (g CO_{2eq}/MJ)
L-Awstrija	39,7
Il-Belġju	56,7
Il-Bulgarija	119,2
Ċipru	206,6
Iċ-Ċekja	132,5
Il-Ġermanja	99,3
Id-Danimarka	27,1
L-Estonja	139,8
Il-Greċja	125,2
Spanja	54,1
Il-Finlandja	22,9
Franza	19,6
Il-Kroazja	55,4

([7]) Id-*data* aġġornata se tkun disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea fuq bażi regolari.

L-Ungerija	72,9
L-Irlanda	89,4
L-Italja	92,3
Il-Latvja	39,4
Il-Litwanja	57,7
Il-Lussemburgu	52,0
Malta	133,9
In-Netherlands	99,9
Il-Polonja	196,5
Il-Portugall	61,6
Ir-Rumanija	86,1
Is-Slovakkja	45,6
Is-Slovenja	70,1
L-Iżvezja	4,1

Sors: JRC, 2022.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1186

tat-13 ta' Ġunju 2023

li jdaħħal isem fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ["Kullings kalvdans" (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni tal-Iżvezja għar-reġistrazzjoni tal-isem "Kullings kalvdans" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Ma ġiet innotifikata l-ebda dikjarazzjoni motivata ta' oppożizzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u jenħtieġ għalhekk li l-isem "Kullings kalvdans" jiġi rreġistrat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-isem "Kullings kalvdans" (IĠP) huwa rreġistrat.

L-isem imsemmi fl-ewwel paragrafu jidentifika prodott tal-Klassi 1.4. Prodotti oħrajn li joriġinaw mill-annimali (bajd, għasel, diversi prodotti mill-ħalib għajr butir, eċċ.) tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ([3]).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU C 55, 14.2.2023, p. 14
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/1187

tad-19 ta' Ġunju 2023

dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva ("l-Istrateġija"), li tiddikjara li n-nonproliferazzjoni, id-diżarm u l-kontroll tal-armi jistgħu jagħtu kontribut essenzjali fil-ġlieda dinjija kontra t-terroriżmu billi jnaqqsu r-riskju li atturi mhux Statali jiksbu aċċess għal armi ta' qerda massiva, materjali radjuattivi u mezzi tat-twassil. Il-Kapitolu III tal-Istrateġija fih lista ta' miżuri li jeħtieġ li jittieħdu, kemm fi ħdan l-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi terzi, biex tiġi miġġielda tali proliferazzjoni.

(2) L-Unjoni qed timplimenta b'mod attiv l-Istrateġija u qed tagħti effett lill-miżuri elenkati fil-Kapitolu III tagħha, b'mod partikolari bil-ħidma favur l-universalizzazzjoni u, fejn meħtieġ, bit-tisħiħ tat-trattati, ftehimiet u arranġamenti ta' verifika ewlenin dwar id-diżarm u n-nonproliferazzjoni, u bir-rilaxx ta' riżorsi finanzjarji biex jiġu appoġġati proġetti speċifiċi mmexxija minn istituzzjonijiet multilaterali bħall-Uffiċċju tan-NU kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC) u l-Uffiċċju tan-NU għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (UNOCT).

(3) Fit-13 ta' April 2005, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat il-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari, li nfetħet għall-iffirmar fl-14 ta' Settembru 2005.

(4) Fl-Aġenda tiegħu għad-Diżarm intitolata "Securing our Common Future (Niżguraw il-Futur Komuni Tagħna)", li tnediet fl-24 ta' Mejju 2018, is-Segretarju Ġenerali tan-NU nnota li r-riskji nukleari kienu inaċċettabbli u li kienu qegħdin jikbru.

(5) Fl-10 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1939 ([1]) .

(6) Fis-7 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/919 ([2]), li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1939 u li testendi l-implimentazzjoni tagħha sat-30 ta' Novembru 2022 minħabba sfidi kontinwi li rriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19.

(7) Fit-8 ta' Novembru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2185 ([3]), li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1939 u li tkompli testendi l-implimentazzjoni tagħha sat-30 ta' Ġunju 2023 fid-dawl tad-dewmien kontinwu fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-proġetti skont id-Deċiżjoni (PESK) 2018/1939 minħabba l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1939 tal-10 ta' Diċembru 2018 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari (ĠU L 314, 11.12.2018, p. 41).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/919 tas-7 ta' Ġunju 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1939 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari (ĠU L 201, 8.6.2021, p. 27).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2185 tat-8 ta' Novembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1939 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari (ĠU L 288, 9.11.2022, p. 80).

(8) Il-Boxxla Strateġika għall-2022 għas-Sigurtà u d-Difiża tirreferi għat-theddida persistenti tal-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom, u tesprimi l-objettiv tal-Unjoni li ssaħħaħ azzjonijiet konkreti b'appoġġ għall-għanijiet tad-diżarm, tan-nonproliferazzjoni u tal-kontroll tal-armi. Isemmi wkoll it-theddida transnazzjonali tat-terroriżmu bħala sfida kontinwa u r-rieda tal-Unjoni li ssaħħaħ ir-rispons tagħha għall-prevenzjoni u l-ġlieda aħjar kontra t-terroriżmu.

(9) Jenħtieġ li l-implimentazzjoni teknika ta' din id-Deċiżjoni tiġi fdata lill-UNODC u ċ-Ċentru tan-NU kontra t-Terroriżmu (UNCCT) tal-UNOCT.

(10) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata f'konformità mal-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv, konkluż mill-Kummissjoni Ewropea man-NU dwar il-ġestjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Unjoni għall-programmi jew proġetti amministrati min-NU,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Bil-ħsieb tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva, l-Istrateġija Globali tal-UE għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża, l-Unjoni għandha tkompli tappoġġa l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari ("ICSANT") permezz ta' azzjoni operazzjonali.

2. L-objettivi tal-azzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu li:

(a) jiżdied l-għadd ta' Stati li jibdew proċessi biex isiru parti għall-ICSANT u tiżdied is-sensibilizzazzjoni u l-għarfien dwar l-ICSANT fost il-benefiċjarji, bħal pereżempju dawk li jfasslu l-politika nazzjonali u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet nazzjonali, u fil-fora internazzjonali;

(b) tittejjeb il-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-kapaċità tal-uffiċjali tal-ġustizzja kriminali u partijiet ikkonċernati nazzjonali rilevanti oħra fil-pajjiżi benefiċjarji biex jinvestigaw, iħarrku u jiddeċiedu każijiet li fihom l-ICSANT tkun ta' rilevanza;

(c) jittejbu l-politiki, il-prattiki u l-proċeduri għall-prevenzjoni u d-detezzjoni tat-theddida li atturi mhux Statali, inkluż terroristi, jakkwistaw, jippossjedu u/jew jużaw materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor u għar-rispons għal din it-theddida;

(d) jittejbu l-għarfien u l-fehim tat-theddida tat-terroriżmu radjoloġiku u nukleari u ta' mġiba kriminali oħra li tinvolvi tali materjali;

(e) tissaħħaħ il-kooperazzjoni nazzjonali u internazzjonali, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni, fi ħdan u fost l-Istati Partijiet, fit-tfassil u l-adozzjoni ta' miżuri effettivi u prattiċi għall-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni.

3. Deskrizzjoni dettaljata tal-azzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tinsab fl-Anness.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Ġoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("ir-Rappreżentant Ġoli") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-azzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha titwettaq mill-UNODC u l-UNOCT.

3. Il-UNODC u l-UNOCT għandhom iwettqu dak il-kompitu taħt ir-responsabbiltà tar-Rappreżentant Ġoli. Għal dak il-għan, ir-Rappreżentant Ġoli għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mal-UNODC u l-UNOCT.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-azzjoni li għandha tiġi ffinanzjata mill-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandu jkun ta' EUR 4 000 000,82.

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont ta' referenza finanzjarja stipulat fil-paragrafu 1 għandha tkun ġestita f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-baġit tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-ġestjoni korretta tan-nefqa iffinanzjata bl-ammont ta' referenza msemmi fil-paragrafu 1. Għal dak il-fini, hija għandha tikkonkludi ftehimiet ta' kontribuzzjoni mal-UNODC u l-UNOCT. Il-ftehimiet ta' kontribuzzjoni għandhom jistipulaw li l-UNODC u l-UNOCT għandhom jiżguraw il-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, b'mod adatt għad-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehimiet imsemmijin fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehimiet.

Artikolu 4

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari mill-UNODC u l-UNOCT. Dawn ir-rapporti għandhom jifformaw il-bażi tal-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-azzjoni msemmija fl-Artikolu 1.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 3(3). Madankollu, għandha tiskadi sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ jekk ma jkun ġie konkluż ebda ftehim f'dak il-perjodu.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-19 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
E. BUSCH

ANNESS

Dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari

Taqsira eżekuttiva

Sfond

Il-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari (ICSANT) tal-2005 hija waħda mid-19-il strument legali internazzjonali kontra t-terroriżmu, essenzjali għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Minn Marzu 2023 'l hawn, l-ICSANT għandha 120 Parti, li jfisser li aktar minn terz tad-dinja għadha mhijiex protetta mill-Konvenzjoni. Sabiex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tal-ICSANT, u biex jiġu evitati rifuġji sikuri u lakuni legali, l-universalizzazzjoni tibqa' għan ewlieni. Madankollu, li wieħed isir parti huwa biss l-ewwel pass meħtieġ u l-implimentazzjoni effettiva (leġiżlattiva u teknika) hija wkoll kruċjali.

Is-sħubija fl-ICSANT tinvolvi l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni nazzjonali meħtieġa biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti kollha stipulati fil-Konvenzjoni jiġu trasposti b'mod adegwat fis-sistemi legali nazzjonali. Dan jipprovdi kopertura legali komprensiva għal reati li jinvolvu materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor, inkluż atti terroristiċi, kif ukoll mekkaniżmi għall-prevenzjoni ta' tali mġiba u r-rispons għaliha.

L-ewwel proġett bejn l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti dwar il-*Promozzjoni tal-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari*, beda fl-2019 u ser jiġi ffinalizzat f'Ġunju 2023. Huwa jirrappreżenta sħubija ta' sigurtà multilaterali importanti li sservi biex tindirizza t-theddida persistenti ta' materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor li jkun qed jiġi akkwistat jew użat minn atturi mhux Statali għal skopijiet terroristiċi jew kriminali oħra. Dan huwa speċjalment rilevanti fi żmien meta l-attenzjoni politika għall-kwistjoni tas-sigurtà nukleari żdiedet madwar id-dinja.

Raġunament tal-proġett

L-ICSANT għadha rilevanti ħafna, mhux biss għal pajjiżi b'materjal nukleari u programmi tal-enerġija nukleari, iżda wkoll għall-pajjiżi l-oħra kollha, peress li l-ICSANT tkopri wkoll materjal radjuattiv ieħor użat b'mod komuni – fost l-oħrajn – fil-mediċina, fl-industrija u fl-agrikoltura. Għalhekk, huwa meħtieġ li titkompla l-promozzjoni u l-appoġġ tal-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni, billi jintwera l-benefiċċju għall-Istati kollha li jissieħbu fit-trattat u jipprevjenu u jipprojbixxu mġiba terroristika u mġiba kriminali oħra minn atturi mhux Statali li tinvolvi materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor. F'dan ir-rigward, l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti ser jerġgħu jissieħbu fi proġett ġdid dwar l-*Appoġġ għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari*.

Għan tal-Proġett

Il-proġett għandu l-għan li jiżgura li ma jkun hemm l-ebda rifuġju sikur għal dawk li jwettqu jew ifittxu li jippruvaw iwettqu atti terroristiċi jew atti kriminali oħra li jinvolvu materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor, billi jappoġġa l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-ICSANT.

Tul ta' Żmien tal-Proġett

1 ta' Lulju 2023 – 30 ta' Ġunju 2026 (36 xahar)

Kamp ta' Applikazzjoni Ġeografiku tal-Proġett

Dinji, reġjonali, nazzjonali

Approċċ tal-Proġett

Dan il-proġett ser jiġi implimentat mill-Fergħa tal-Prevenzjoni tat-Terroriżmu (TPB) tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC), permezz tal-Programm tagħha għall-Prevenzjoni tat-Terroriżmu CBRN, u mill-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (UNOCT), permezz tal-Programm taċ-Ċentru tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (UNCCT) dwar il-Prevenzjoni u r-Rispons għall-Armi ta' Qerda Massiva/Terroriżmu Kimiku, Bijoloġiku, Radjoloġiku u Nukleari (WMD/CBRN), b'kollaborazzjoni mill-qrib ma'

uffiċċji fuq il-post rilevanti kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali u mhux governattivi, kif xieraq, inkluż id-Delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, l-Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea dwar iċ-Ċentri ta' Eċċellenza għall-Mitigazzjoni tar-Riskju CBRN (CBRN CoE tal-UE), l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA), l-Istitut Interreġjonali ta' Riċerka tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità u l-Ġustizzja (UNICRI), l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet ta' Diżarm (UNODA) u l-Grupp ta' Esperti tal-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont ir-riżoluzzjoni 1540 (2004).

Il-proġett ser jinqasam f'żewġ komponenti, li kull wieħed minnhom għandu jiġi implimentat mill-UNODC u mill-UNOCT/UNCCT, rispettivament, f'konformità mal-mandati u l-għarfien espert tagħhom. Dan ser jirriżulta f'xi outputs u attivitajiet li qed jiġu implimentati mill-UNODC, filwaqt li oħrajn ser jiġu implimentati mill-UNOCT/UNCCT. F'xi każijiet, iż-żewġ entitajiet ser ikunu involuti.

Il-proġett ser jibni fuq l-attivitajiet li saru u l-għodod żviluppati matul il-proġett stipulat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1939 tal-10 ta' Diċembru 2018.

Dan ser jitmexxa f'konformità mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u mal-Istrateġija Globali tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Terroriżmu (GCTS) li jenfasizzaw bil-qawwa li l-miżuri kollha għall-ġlieda kontra t-terroriżmu jridu jkunu konformi mal-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Normi u standards internazzjonali eżistenti dwar id-drittijiet tal-bniedem (kif jinsabu fit-trattati, id-dritt konswetudinarju u strumenti oħra) ser jiġu integrati fil-proġett.

Il-proġett ser jiġi implimentat b'mod sensittiv għall-ġeneru, b'perspettivi tal-ġeneru integrati fil-proġett kollu. Il-proġett ser jippromwovi l-perspettivi tal-ġeneru u jintegra d-dimensjoni tal-ġeneru fil-metodoloġija tiegħu u, sa fejn possibbli, jiżgura opportunitajiet indaqs għall-uffiċjali nisa u rġiel biex jipparteċipaw fl-avvenimenti kollha tal-proġett, filwaqt li jissottolinja l-benefiċċji tal-inklużjoni ta' uffiċjali pubbliċi nisa fl-istituzzjonijiet nazzjonali. Il-feedback kollu miġbur minn stħarriġ u testijiet ta' qabel u ta' wara workshop ser ikun diżaggregat skont il-ġeneru, biex jiġi żgurat li l-proġett ikun jista' jidentifika u jirrapporta dwar il-perspettiva ta' uffiċjali nisa. L-indikaturi tal-proġetti ser jiġbru u jirrapportaw data diżaggregata skont il-ġeneru.

L-UNODC u l-UNOCT ser jikkoordinaw kif xieraq dwar l-implimentazzjoni tal-attivitajiet rispettivi tagħhom.

Kull meta jintalab għarfien espert estern biex jiġu implimentati l-attivitajiet, l-UNODC u l-UNOCT ser jagħmlu ħilithom biex jinvolvu esperti mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Il-proġett ser jinkludi kooperazzjoni mal-komunità internazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali, inkluż il-Parlamenti, il-Ministeri għall-Ġustizzja u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, biex jippromwovi l-universalizzazzjoni tal-ICSANT, itejjeb il-viżibbiltà dwar l-importanza tal-aderenza u jibni l-kapaċitajiet għall-implimentazzjoni effettiva tagħha.

Eżiti tal-Proġett

Eżitu 1: Għadd akbar ta' Stati li jikkunsidraw/jibdew proċessi/isiru Partijiet għall-ICSANT u sensibilizzazzjoni u għarfien akbar dwar l-ICSANT fost il-benefiċjarji (dawk li jfasslu l-politika nazzjonali u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, inkluż il-parlamentari) u fil-fora internazzjonali. Is-sinerġiji ma' strumenti legali internazzjonali rilevanti oħra (CPPNM, ACPPNM, ir-riżoluzzjoni 1540 tal-KSNU) huma sfruttati kif xieraq.

Eżitu 2: Leġiżlazzjoni nazzjonali mtejba u kapaċità mtejba tal-uffiċjali tal-ġustizzja kriminali u partijiet ikkonċernati nazzjonali rilevanti oħra fil-pajjiżi benefiċjarji biex jinvestigaw, iħarrku u jiddeċiedu każijiet li fihom l-ICSANT tkun ta' rilevanza.

Eżitu 3: Politiki, prattiki u proċeduri msaħħa għall-prevenzjoni, il-kxif u r-rispons għat-theddida ta' atturi mhux Statali, inkluż terroristi, l-akkwist, il-pussess u/jew l-użu ta' materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor u għarfien u fehim imtejba tat-theddida tat-terroriżmu radjoloġiku u nukleari u mġiba kriminali oħra li tinvolvi tali materjal.

Eżitu 4: Kooperazzjoni nazzjonali u internazzjonali msaħħa, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni, fi ħdan u fost l-Istati Partijiet fit-tfassil u l-adozzjoni ta' miżuri effettivi u prattiċi għall-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni.

Outputs u Attivitajiet tal-Proġett

Eżitu 1: Għadd akbar ta' Stati li jikkunsidraw/jibdew proċessi jew isiru Partijiet għall-ICSANT u sensibilizzazzjoni u għarfien akbar dwar l-ICSANT fost il-benefiċjarji (dawk li jfasslu l-politika nazzjonali u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, inkluż il-parlamentari) u fil-fora internazzjonali. Is-sinerġiji ma' strumenti legali internazzjonali rilevanti oħra (CPPNM, ACPPNM, ir-riżoluzzjoni 1540 tal-KSNU) huma sfruttati kif xieraq.

Output 1.1: Promozzjoni tal-importanza tal-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-ICSANT, permezz tal-viżibbiltà, is-sensibilizzazzjoni u l-kontribut għal avvenimenti rilevanti

Attività 1.1.1: It-tnedija tal-proġett u l-preżentazzjoni ta' riżultati minn attivitajiet preċedenti (UNODC/UNOCT)

L-UNODC u l-UNOCT/UNCCT ser jorganizzaw tnedija tal-proġett fi Vjenna u New York rispettivament, filwaqt li jistiednu Missjonijiet Permanenti lokali tal-Istati Membri. L-implimentaturi ser jagħmlu ħilithom biex jinkludu rappreżentanza minn Stati Membri ewlenin, kemm mill-Unjoni Ewropea, kif ukoll mill-Istati Membri tar-reġjuni mmirati biex jibnu interess u momentum għal dan it-tieni proġett u jiffaċilitaw l-implimentazzjoni fil-livelli nazzjonali u reġjonali. Dawn l-avvenimenti ser jipprovdu wkoll opportunità biex jiġu kondiviżi r-riżultati u t-tagħlimiet meħuda mill-proġett preċedenti.

Attività 1.1.2: Promozzjoni tal-Istudju dwar *ir-Raġunijiet u l-Isfidi għala l-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti Ma Sarux Parti għall-ICSANT u Għodod għall-Implimentazzjoni Effettiva tagħha* (UNOCT)

L-UNOCT/UNCCT ser jorganizzaw tliet (3) sessjonijiet biex jippromwovu u jxerrdu l-Istudju dwar *ir-Raġunijiet u l-Isfidi għala l-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti Ma Sarux Parti għall-ICSANT u Għodod għall-Implimentazzjoni Effettiva tagħha* żviluppat matul il-proġett ICSANT, li ser jiġi konkluż f'Ġunju 2023. L-istudju jippreżenta l-fehim aktar profond tar-raġunijiet u l-isfidi għala l-Istati Membri li ma sarux parti għall-ICSANT u joħroġ għadd ta' rakkomandazzjonijiet dwar kif tiġi żgurata aktar aderenza u implimentazzjoni effettiva. B'mod partikolari, l-UNOCT/UNCCT ser ikomplu jaħdmu mal-Istati Membri ewlenin li jistgħu jibbenefikaw mir-riżultati u l-gwida tal-Istudju.

Attività .1.3: 1Viżibbiltà, sensibilizzazzjoni u kontribut għal avvenimenti relatati mal-ICSANT ospitati minn organizzazzjonijiet oħra (UNODC/UNOCT)

Fil-mandati rispettivi tagħhom u kif xieraq, l-UNODC u l-UNOCT/UNCCT ser jikkontribwixxu kompetenza esperta u jippromwovu l-ICSANT u l-ħidma tagħhom taħt il-proġett f'fora internazzjonali rilevanti, bħal avvenimenti relatati ma'/organizzati minn:

— oqfsa legali internazzjonali, inkluż, iżda mhux limitati għall-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika tal-Materjal Nukleari u l-Emenda għaliha, ir-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, it-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari;

— organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluż, iżda mhux limitati għall-IAEA, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali (INTERPOL), l-UNICRI, l-Istitut tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Riċerka dwar id-Diżarm (UNIDIR), l-UNODA, l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet Legali (OLA);

— is-soċjetà ċivili, inkluż organizzazzjonijiet mhux governattivi;

— inizjattivi internazzjonali li jinkludu, iżda mhux limitati għal, is-CBRN CoE tal-UE, is-Sħubija Globali Kontra l-Firxa ta' Armi u Materjal ta' Qerda Massiva, l-Inizjattiva ta' Theddid Nukleari u l-Patt ta' Koordinazzjoni Globali tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Terroriżmu.

Output 1.2: L-aderenza għall-ICSANT u s-sinerġiji ma' strumenti legali internazzjonali rilevanti oħra huma promossi u miżjuda

Attività 1.2.1: Promozzjoni tal-aderenza permezz ta' żjarat ta' pajjiżi (UNODC)

Filwaqt li jibni fuq is-sensibilizzazzjoni estensiva mwettqa mill-UNODC għall-universalizzazzjoni u n-network vast ta' uffiċċji fuq il-post tiegħu, l-UNODC ser jorganizza tmien (8) żjarat ta' pajjiżi fi Stati li għadhom mhumiex parti għall-ICSANT u li skont l-analiżi tal-UNODC u l-impenn preċedenti tiegħu jibbenefikaw l-aktar minn konsultazzjonijiet wiċċ imb'wiċċ fil-kapital. L-UNODC jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati nazzjonali rilevanti inkluż Membri Parlamentari kif xieraq fiż-żjarat ta' pajjiżi.

Attività 1.2.2: Il-promozzjoni tal-aderenza permezz tal-involviment mal-Parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri mhux Partijiet għall-ICSANT (UNOCT)

L-UNOCT/UNCCT ser jorganizzaw tliet (3) avvenimenti nazzjonali biex jappellaw b'mod konġunt lill-Parlamenti tal-Istati Membri li għadhom mhumiex Parti għall-Konvenzjoni. Partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, inkluż il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, il-Ministeru għall-Ġustizzja, l-awtoritajiet regolatorji nukleari u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi ser jiġu mistiedna wkoll biex jattendu l-briefing. L-avvenimenti nazzjonali ser jiffokaw fuq ir-rilevanza tal-ICSANT biex tissaħħaħ is-sigurtà nukleari, il-komplementarjetà u s-sinerġiji ma' strumenti legali internazzjonali oħra, il-benefiċċji tal-aderenza u r-riskju ta' nuqqas ta' aderenza, prattiki tajbin fl-implimentazzjoni u t-theddida tat-terroriżmu li jinvolvi materjal nukleari u radjuattiv. L-UNOCT/UNCCT, b'kollaborazzjoni mal-Programm UNOCT dwar l-Impenn Parlamentari fil-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, l-Uffiċċju tal-Programm f'Doha, ser jaħdem mill-qrib ma' organizzazzjonijiet parlamentari internazzjonali u reġjonali biex jippromwovi l-aderenza mal-Konvenzjoni.

Attività 1.2.3: Promozzjoni tal-aderenza permezz ta' workshops reġjonali (UNODC)

L-UNODC, sabiex issaħħaħ is-sostenibbiltà tal-isforzi ta' universalizzazzjoni mwettqa taħt l-ewwel proġett tal-UE dwar l-ICSANT, ser jorganizza erba' (4) workshops ta' segwitu virtwali reġjonali, interreġjonali u subreġjonali għal dawk li jfasslu l-politika u jieħdu d-deċiżjonijiet ta' Stati li għadhom mhumiex parti għall-ICSANT (tlieta (3) bl-Ingliż, wieħed (1) bil-Franċiż).

Il-workshops virtwali ser jibnu fuq attivitajiet li saru skont id-Deċiżjoni preċedenti tal-Kunsill sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà. Materjal rilevanti żviluppat taħt il-proġett bħal tagħlim elettroniku u manwali ta' taħriġ kif ukoll materjal elettroniku ta' sensibilizzazzjoni (li hu diġà disponibbli bis-sitt lingwi uffiċjali kollha tan-NU) ser jintuża qabel u matul il-workshops kif xieraq. Minbarra li jiffukaw fuq l-ICSANT, il-workshops ser jindirizzaw sinerġiji mal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika tal-Materjal Nukleari u l-Emenda għaliha, kif ukoll ir-riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-KSNU, u jinvolvu partijiet ikkonċernati rilevanti kif xieraq (eż. l-IAEA). L-UNODC ser iħeġġeġ lill-Istati jinkludu Membri Parlamentari fost il-persuni nominati għall-workshops virtwali.

Attività 1.2.4: It-tieni seminar konġunt IAEA-UNODC biex jippromwovi l-universalizzazzjoni tal-ICSANT u l-Emenda għas-CPPNM (UNODC)

Filwaqt li jibni fuq l-ewwel avveniment konġunt ta' suċċess li sar fil-11 u t-12 ta' Novembru 2021, l-UNODC ser jorganizza t-tieni avveniment ta' dan it-tip flimkien mal-IAEA. L-avveniment ser isir fi Vjenna, l-Awstrija.

Attività 1.2.5: Promozzjoni tal-aderenza permezz ta' avveniment ta' livell għoli fil-marġini tal-Konferenza Internazzjonali tal-IAEA fl-2024 dwar is-Sigurtà Nukleari (UNODC)

Filwaqt li jibni fuq l-avveniment parallel li l-UNODC kellu fl-2020 fil-marġini tal-Konferenza Internazzjonali tal-IAEA dwar is-Sigurtà Nukleari (ICONS), l-UNODC ser jorganizza avveniment ta' livell għoli fl-ICONS li jmiss fi Vjenna, l-Awstrija, fl-2024. Il-Konferenza hija laqgħa ewlenija dwar is-sigurtà nukleari li tinkludi segment ministerjali u programm xjentifiku u tekniku u b'hekk tkopri diskussjonijiet ta' politika ta' livell għoli u sessjonijiet tekniċi paralleli. Għall-aħħar Konferenza fl-2020 attendew aktar minn 57 Ministru u aktar minn 2 000 espert minn aktar minn 130 pajjiż u 35 organizzazzjoni internazzjonali.

Attività 1.2.6: Promozzjoni tal-aderenza permezz ta' avveniment ta' livell għoli fil-marġini tal-Ġimgħa Kontra t-Terroriżmu fi New York (UNOCT)

L-UNOCT/UNCCT ser jorganizza avveniment ta' livell għoli matul il-Ġimgħa ta' Kontra t-Terroriżmu fin-Nazzjonijiet Uniti fi New York, laqgħa biennali ta' viżibbiltà għolja tal-Istati Membri u sħab internazzjonali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu.

Attività 1.2.7: Avveniment parallel dwar id-dimensjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem waqt l-implimentazzjoni tal-ICSANT (UNODC/UNOCT)

L-UNODC u l-UNOCT ser imexxu avveniment parallel dwar id-dispożizzjonijiet tal-ICSANT dwar id-drittijiet tal-bniedem. Il-kelliema mistiedna ser jinkludu r-Rapporteur Speċjali dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet intergovernattivi u mhux governattivi oħra. L-avveniment ser jibni, fost l-oħrajn, fuq il-Kurrikulu tal-UNODC ta' Taħriġ Legali Kontra t-Terroriżmu Nru 4 dwar id-*Drittijiet tal-Bniedem u r-Rispons tal-Ġustizzja Kriminali għat-Terroriżmu*, kif ukoll il-Kurrikulu tal-UNODC ta' Taħriġ Legali Kontra t-Terroriżmu Nru 1 dwar il-*Ġlieda Kontra t-Terroriżmu fil-Kuntest tad-Dritt Internazzjonali*.

Eżitu 2: Leġiżlazzjoni nazzjonali mtejba u kapaċità mtejba tal-uffiċjali tal-ġustizzja kriminali u partijiet ikkonċernati nazzjonali rilevanti oħra fil-pajjiżi benefiċjarji biex jinvestigaw, iħarrku u jiddeċiedu każijiet li fihom l-ICSANT tkun ta' rilevanza.

Output 2.1: Tingħata assistenza leġiżlattiva lill-Istati rikjedenti

Attività 2.1.1: Assistenza leġiżlattiva rilevanti biex tagħti effett lid-dispożizzjonijiet tal-ICSANT u tiffaċilita l-applikazzjoni tal-liġi minn uffiċjali tal-ewwel linja, l-infurzar tal-liġi, il-prosekuturi u l-ġudikatura (UNODC)

L-UNODC ser jipprovdi assistenza leġiżlattiva rilevanti lill-Istati rikjedenti, permezz ta' analiżijiet dokumentarji, fuq talba u kif adatt, abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-mudell konġunt tal-UNODC-IAEA dwar il-kriminalizzazzjoni tat-terroriżmu nukleari, il-kwestjonarju ta' awtovalutazzjoni żviluppat mill-UNODC u ospitat fil-paġna tal-ICSANT fuq is-sit web tal-UNODC, il-Manwal tal-UNODC dwar Assistenza Legali Reċiproka u l-Estradizzjoni u l-Għodda tal-UNODC għat-Tfassil ta' Talba għal Assistenza Legali Reċiproka, prattiki tajba identifikati permezz tal-kompilazzjoni tal-UNODC tal-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni nazzjonali tal-Artikolu 2 tal-ICSANT, kif ukoll għodod li għandhom jiġu żviluppati mill-UNODC fl-Output 2.3. L-UNODC ser joffri lill-benefiċjarji l-possibbiltà li jippreżentaw l-emendi leġiżlattivi ssuġġeriti lill-membri Parlamentari.

Output 2.2: Tisħiħ tal-kapaċità tas-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja kriminali biex jipprevjenu, jikxfu, irażżnu, jinvestigaw, iħarrku u jaġġudikaw reati relatati mal-ICSANT

L-UNODC ser jorganizza ħames (5) seminars nazzjonali għal alumni ta' ċentri tal-edukazzjoni u t-taħriġ ġudizzjarji u għaxar (10) webinars dwar diversi aspetti tal-applikazzjoni tal-ICSANT. L-UNODC ser iserraħ fuq ir-rekord twil ippruvat ta' għarfien espert dwar is-suġġett żviluppat mill-Programm ta' Prevenzjoni tat-Terroriżmu CBRN tiegħu f'konformità mal-mandat mogħti lill-UNODC mill-Assemblea Ġenerali tan-NU.

Attività 2.2.1: Seminars nazzjonali għal ċentri tal-edukazzjoni u t-taħriġ ġudizzjarji (UNODC)

L-UNODC ser iwettaq ħames (5) seminars għal ċentri tal-edukazzjoni u t-taħriġ ġudizzjarji fl-Istati Partijiet sabiex isaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jimplimentaw b'mod effettiv l-ICSANT u jżidu l-għarfien dwar il-Konvenzjoni. Is-seminars ser jippreżentaw, fost l-oħrajn, il-manwal dwar każijiet fittizji relatati ma' reati taħt l-ICSANT u materjal ieħor żviluppat mill-UNODC, inkluż dak żviluppat fl-Output 2.3, u ser japplikaw metodoloġija ta' taħriġ għal min iħarreġ sabiex jiżguraw is-sostenibbiltà.

Attività 2.2.2: Sensiela ta' webinars (UNODC)

L-UNODC ser iwettaq għaxar (10) webinars dwar diversi aspetti ewlenin tal-ICSANT, bħall-ġuriżdizzjoni, l-estradizzjoni, id-drittijiet tal-bniedem, u l-preservazzjoni tal-evidenza, fost l-oħrajn. Il-webinars ser isiru b'diversi lingwi. Ser jiġu mistiedna entitajiet internazzjonali oħra, bħall-IAEA, l-INTERPOL, iċ-Ċentri ta' Eċċellenza tal-UE għas-CBRN, u l-Kumitat 1540, fost l-oħrajn. Ir-reġistrazzjonijiet tal-webinar ser ikunu disponibbli online biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà. L-istediniet għal Missjonijiet Permanenti ser jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati nazzjonali rilevanti, inkluż il-Membri Parlamentari.

Output 2.3: Żvilupp, aġġornament, tkabbir u/jew speċjalizzazzjoni ta' għodod ta' assistenza teknika

Attività 2.3.1: Sit web tal-ICSANT (UNODC)

Il-paġna tal-ICSANT fuq is-sit web tal-UNODC (unodc.org/icsant) sar il-punt ta' referenza għall-prattikanti fid-dinja kollha peress li fih ir-riżorsi kollha disponibbli dwar il-Konvenzjoni, inkluż l-istorja proċedurali tagħha, l-istatus tal-aderenza, artikli analitiċi, ġabra ta' leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni nazzjonali, għodod għat-tisħiħ tal-kapaċità u assistenza teknika u leġiżlattiva relatata tal-UNODC. Sa mit-tnedija tiegħu f'Settembru 2021, is-sit web ġie kkonsultat minn aktar minn 10 000 utent. L-UNODC ser iżomm, jaġġorna regolarment u jkompli jimla s-sit web bil-lingwi uffiċjali kollha tan-NU (l-Għarbi, iċ-Ċiniż, l-Ingliż, il-Franċiż, ir-Russu u l-Ispanjol). Pereżempju, is-sit web ser jospita l-għodod ġodda kollha żviluppati, ir-rapporti tal-avvenimenti u leġiżlazzjoni nazzjonali addizzjonali li timplimenta l-Artikolu 2 tal-ICSANT.

Barra minn hekk, is-sit web ser jospita bażi ta' data tal-awtoritajiet maħtura tal-ICSANT (skont l-output 4.1).

Attività 2.3.2: Għodod speċjalizzati ta' assistenza teknika (UNODC)

L-UNODC ser jiżviluppa u jippubblika f'verżjoni stampata u f'verżjoni elettronika fil-paġna tal-ICSANT fuq is-sit web tal-UNODC(unodc.org/icsant) għodod addizzjonali u speċjalizzati ta' assistenza teknika dwar l-ICSANT bis-sitt lingwi uffiċjali kollha tan-NU. Il-materjal ser jinkludi:

— Settijiet ta' għodod dwar aspetti differenti tal-ICSANT (eż. il-ġuriżdizzjoni, id-drittijiet tal-bniedem, is-sekwestru u l-protezzjoni ta' materjal li ma jaqax taħt il-kontroll regolatorju u l-kooperazzjoni internazzjonali)

— Sett ta' għodod dwar sinerġiji mal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika tal-Materjal Nukleari (CPPNM) u l-Emenda tagħha

— Sett ta' għodod dwar is-sinerġiji mar-riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU

— Sett ta' għodod dwar id-dispożizzjonijiet kriminali tal-mudell li jkopru r-reati stipulati fl-ICSANT, is-CPPNM u l-Emenda tagħha, żviluppat b'mod konġunt mill-IAEA u l-UNODC

Attività 2.3.3: Filmat dwar l-istorja proċedurali u d-dispożizzjonijiet ewlenin tal-ICSANT (UNODC)

L-UNODC ser jipproduċi filmat li jispjega l-istorja proċedurali u d-dispożizzjonijiet ewlenin tal-ICSANT. Il-filmat ser jitkellmu diversi Stati Partijiet u partijiet ikkonċernati oħra, filwaqt li jiżgura bilanċ ġeografiku u bejn il-ġeneri u jenfasizza l-importanza tal-ICSANT. Il-filmat ser ikun disponibbli bis-sitt lingwi uffiċjali kollha tan-NU fil-paġna tal-ICSANT fuq is-sit web tal-UNODC (unodc.org/icsant).

Eżitu 3: Politiki, prattiki u proċeduri msaħħa għall-prevenzjoni, il-kxif u r-rispons għat-theddida ta' atturi mhux Statali, inkluż terroristi, l-akkwist, il-pussess u/jew l-użu ta' materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor u għarfien u fehim imtejba tat-theddida tat-terroriżmu radjoloġiku u nukleari u mġiba kriminali oħra li tinvolvi tali materjal.

Output 3.1: Tisħiħ tal-kapaċità tal-Istati Membri li jipprevjenu, jikxfu, u jagħtu rispons għall-akkwist, il-pussess u/jew l-użu ta' materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor

L-UNOCT/UNCCT ser jorganizza erba' (4) workshops reġjonali u eżerċizzji ta' simulazzjoni biex jiżviluppa l-kapaċità tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra t-terroriżmu nukleari fl-Afrika, l-Asja Ċentrali u l-Kawkasu u fix-Xlokk u l-Lvant tal-Ewropa. Il-workshops reġjonali u l-eżerċizzji ta' simulazzjoni ser itejbu l-kapaċità tal-Istati Membri fil-kxif, il-forensika, ir-rispons u l-mitigazzjoni tat-terroriżmu radjoloġiku u nukleari inkluż l-użu ta' metodoloġija mfassla apposta biex tassisti lill-awtoritajiet nazzjonali biex jimplimentaw b'mod effettiv l-ICSANT u jsaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali, filwaqt li juru l-importanza tal-aderenza għall-Konvenzjoni. Il-workshops ser jinkoraġġixxu l-identifikazzjoni ta' promoturi reġjonali u skambji ta' prattiki tajba Nofsinhar-Nofsinhar. Barra minn hekk, l-għażla tal-pajjiżi ser tkun ibbażata, fost l-oħrajn, fuq is-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-*Valutazzjoni tat-Theddid Globali* imwettqa mill-UNOCT/UNCCT u l-INTERPOL *dwar Atturi Mhux Statali u l-Użu Potenzjali ta' Materjal CBRNE minnhom*.

Attività 3.1.1: Workshops reġjonali u eżerċizzji ta' simulazzjoni biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra t-terroriżmu nukleari (UNOCT)

L-UNOCT/UNCCT ser jorganizza erba' (4) workshops reġjonali u eżerċizzji ta' simulazzjoni għat-tisħiħ tal-kapaċità fl-oqsma li ġejjin:

Il-ġlieda kontra t-terroriżmu radjoloġiku u nukleari b'enfasi fuq id-detezzjoni biex tiġi żviluppata l-kapaċità fil-qasam tad-detezzjoni, b'enfasi fuq l-identifikazzjoni u l-applikazzjoni ta' prattiki tajba għad-detezzjoni ta' materjal radjoloġiku/nukleari b'informazzjoni u strumenti li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċità fil-ġlieda kontra t-terroriżmu radjoloġiku u nukleari fir-rigward tal-ġestjoni tas-sigurtà tal-fruntieri.

Il-ġlieda kontra t-terroriżmu radjoloġiku u nukleari b'enfasi fuq il-forensika biex issaħħaħ il-kapaċità fil-qasam tal-forensika għad-detezzjoni, b'mod partikolari biex tintwera l-importanza tal-forensika nukleari, il-koordinazzjoni bejn l-aġenziji, u b'hekk tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċità fil-ġlieda kontra t-terroriżmu radjoloġiku u nukleari.

Il-ġlieda kontra t-terroriżmu radjoloġiku u nukleari b'enfasi fuq ir-rispons u l-mitigazzjoni biex tissaħħaħ il-kapaċità fil-qasam tar-rispons u l-mitigazzjoni, b'attenzjoni partikolari fuq il-kapaċità li jingħata rispons effettiv, f'waqtu, u koordinat għal inċidenti terroristiċi li jinvolvu materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor bħala element essenzjali ta' qafas ta' sigurtà nukleari.

Output 3.2. Titjib fl-għarfien u l-fehim tal-Istati Membri tat-theddid tat-terroriżmu radjoloġiku u nukleari

L-UNOCT/UNCCT ser jorganizza erba' (4) korsijiet ta' taħriġ nazzjonali mfassal apposta u wiċċ imb'wiċċ għal erba' (4) Stati Membri biex isaħħaħ il-kapaċità fil-ġlieda kontra t-terroriżmu radjoloġiku u nukleari. It-taħriġ ser isaħħaħ il-kapaċitajiet tal-Istati Membri biex, fost l-oħrajn, jifhmu r-riskju u t-theddid, jiżviluppaw kontromiżuri, jipprattikaw ir-rispons għal inċidenti, u jidentifikaw u jipproteġu l-infrastruttura kritika u r-riżorsi ewlenin. Għal dawn l-attivitajiet, l-UNOCT/UNCCT ser jibbenefika mill-esperjenza estensiva tal-portafoll ta' taħriġ żviluppat u implimentat mill-Programm Globali tiegħu dwar il-Prevenzjoni u r-Rispons għall-Armi ta' Qerda Massiva (AQM)/Terroriżmu Kimiku, Bijoloġiku, Radjoloġiku, Nukleari (CBRN), li ħarreġ aktar minn 1 500 uffiċjal.

Attività 3.2.1: Taħriġ wiċċ imb'wiċċ nazzjonali dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu radjoloġiku u nukleari (UNOCT)

L-UNOCT/UNCCT ser jaħdem mal-Istati Membri biex jidentifikaw it-taħriġ adatt għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, skont il-prijoritajiet u l-ħtiġijiet tagħhom, kif ġej:

Taħriġ nazzjonali - Kors Bażiku dwar it-Theddid Radjoloġiku u Nukleari li jippermetti lill-persunal jirrispondi b'mod effettiv f'xena radjoloġika u nukleari, filwaqt li jipprovdi rakkomandazzjonijiet biex dawk li jirrispondu jkunu jistgħu jaħdmu f'ambjent li fih aġenti radjoloġiċi u nukleari potenzjalment perikolużi.

Taħriġ nazzjonali - Kors Intermedju dwar it-Theddid Radjoloġiku u Nukleari li jintegra suġġetti rilevanti relatati mat-theddid radjoloġiku u nukleari. Dan ser jinkludi dimostrazzjonijiet u eżerċizzji prattiċi, u ser jilħaq il-qofol tiegħu f'xenarji realistiċi li jinvolvu d-detezzjoni u l-interdizzjoni tat-traffikar radjoloġiku, l-identifikazzjoni ta' materjal radjoloġiku jew nukleari f'post ta' delitt, u r-rikonoxximent ta' perikli u evidenza radjoloġiċi u nukleari.

Taħriġ nazzjonali - Kors Avvanzat dwar it-Theddid Radjoloġiku u Nukleari li jkopri theddid radjoloġiku u nukleari f'aktar dettall b'enfasi partikolari fuq apparat ta' tixrid radjoloġiku u apparat nukleari improvviżat.

Taħriġ nazzjonali - Kors dwar Kontromiżuri Radjoloġiċi u Nukleari li jippreżenta l-approċċ b'diversi aġenziji li jiffoka fuq l-iżvilupp ta' kontromiżuri għal theddid radjoloġiku u nukleari, u fuq ir-rispons konġunt għal inċidenti radjoloġiċi u nukleari, minn aġenziji nazzjonali ewlenin, inkluż l-infurzar tal-liġi, id-dwana, l-aġenziji tas-sigurtà, persuni tal-ewwel rispons, l-intelligence, is-saħħa pubblika, l-awtoritajiet regolatorji, l-industrija, eċċ.

Taħriġ nazzjonali - Kors dwar il-Protezzjoni ta' Infrastruttura Kritika li jiffoka fuq setturi li jistgħu jiġu attakkati direttament bħal impjanti tal-enerġija nukleari, reatturi tar-riċerka nukleari, postijiet li fihom sorsi tar-radju, nodi tat-trasport, kif ukoll setturi li jistgħu jkunu fil-mira ta' atturi mhux Statali biex jinkisbu teknoloġiji sensittivi u kontrollati.

Eżitu 4: Kooperazzjoni nazzjonali u internazzjonali msaħħa, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni, fi ħdan u fost l-Istati Partijiet fit-tfassil u l-adozzjoni ta' miżuri effettivi u prattiċi għall-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni.

Output 4.1: Skambju ffaċilitat ta' informazzjoni kif meħtieġ mill-ICSANT

B'effett mit-3 ta' Ottubru 2022, l-UNODC ġie uffiċjalment inkarigat, skont il-mandat, ir-rwol u l-għarfien espert tiegħu dwar l-ICSANT, mill-Uffiċċju tan-NU għall-Affarijiet Legali (OLA) – fir-rwol tiegħu li jeżerċita l-funzjonijiet depożitarji tas-Segretarju Ġenerali għal din il-Konvenzjoni – jirċievi u jxerred in-notifiki tal-ħatra ta' awtoritajiet mill-Istati Partijiet skont l-Artikolu 7(4). In-notifiki kollha ta' dan it-tip għalhekk għandhom jintbagħtu f'dan l-indirizz elettroniku: unodc-icsant@un.org. In-notifiki li jaslu għandhom jiġu ppubblikati fil-paġna tal-ICSANT fuq is-sit web tal-UNODC u – soġġett għal trażmissjoni ulterjuri mill-UNODC lill-OLA – fuq is-sit web tal-Ġbir tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti.

Attività 4.1.1: Kampanja biex l-Istati Partijiet għall-ICSANT jiġu mħeġġa jaħtru awtorità kompetenti u punt ta' kollegament skont l-Artikolu 7(4) tal-Konvenzjoni (UNODC)

L-UNODC ser iwettaq attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni bil-għan li jħeġġu lill-Istati diġà parti għall-ICSANT iħarsu l-obbligu stipulat fl-Artikolu 7(4), li jirrikjedi li l-Istati Partijiet jinfurmaw lin-Nazzjonijiet Uniti dwar l-awtoritajiet kompetenti u l-punti ta' kollegament tagħhom responsabbli milli jibagħtu u jirċievu informazzjoni relatata mal-ICSANT. L-attivitajiet ser jinkludu li jintbagħtu ittri lill-Missjonijiet Permanenti rilevanti li jitolbuhom iħarsu l-obbligu tagħhom skont l-Artikolu 7(4); li jsiru laqgħat bilaterali; li jitħejjew fuljetti u materjal ieħor ta' sensibilizzazzjoni bis-sitt lingwi uffiċjali kollha tan-NU.

Attività 4.1.2: Laqgħa tal-awtoritajiet kompetenti u punti ta' kollegament nazzjonali tal-ICSANT (UNODC)

L-UNODC ser jorganizza l-ewwel laqgħa ta' dawn l-awtoritajiet kompetenti u punti ta' kollegament fi Vjenna, l-Awstrija, fit-tielet sena tal-proġett. Il-laqgħa ser tinkludi, fost l-oħrajn, eżerċizzju simulat ta' koordinazzjoni u taħriġ dwar kif tkun punt ta' kollegament effettiv skont l-Artikolu 7(4). Il-laqgħa ser tkun imfassla għall-punti ta' kollegament nazzjonali u partijiet ikkonċernati nazzjonali rilevanti oħra.

Attività 4.1.3: Briefings virtwali tal-ICSANT għan-networks ġudizzjarji u ta' sigurtà eżistenti tal-UNODC (UNODC)

Abbażi tan-networks ta' kooperazzjoni li ilhom jeżistu, magħmula minn punti fokali ta' sigurtà u ġudizzjarji stabbiliti mill-UNODC f'reġjuni differenti tad-dinja (eż., għas-Saħel, il-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq, u l-Oċean Indjan), l-UNODC ser jagħti briefings tekniċi online u jaħdem flimkien ma' dawn in-networks b'mod virtwali bl-użu ta' metodoloġija ta' taħriġ għal min iħarreġ. Il-punti fokali ta' dawn in-networks li ilhom jeżistu jikkooperaw regolarment billi janalizzaw l-isfidi operazzjonali, jaqsmu prattiki tajba b'rispons għal dawn l-isfidi u jiddiskutu każijiet rilevanti.

Output 4.2: L-aħjar prattiki u tagħlimiet meħuda dwar l-aderenza għall-ICSANT u l-implimentazzjoni tagħha jintużaw minn udjenzi fil-mira fil-livell reġjonali biex iżidu l-implimentazzjoni effettiva tal-ICSANT u s-sigurtà nukleari

Attività 4.2.1: Laqgħat tal-Komunitajiet ta' Prattikanti (UNOCT)

L-UNOCT/UNCCT ser jorganizza erba' (4) laqgħat biex jippromwovi l-kooperazzjoni nazzjonali ta' prattikanti fil-qasam radjoloġiku u nukleari u ta' kontra t-terroriżmu sabiex tittejjeb il-kondiviżjoni ta' informazzjoni u intelligence, kif ukoll il-koordinazzjoni bejn l-aġenziji. Dawn il-laqgħat ser ilaqqgħu flimkien komunitajiet ta' prattikanti ma' rappreżentanti mill-aġenziji tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, id-dwana, persuni tal-ewwel rispons, l-intelligence, il-ġudikatura, l-infurzar tal-liġi, korpi tat-tfassil ta' politika/teħid ta' deċiżjonijiet, uffiċjali tas-saħħa pubblika, l-awtoritajiet regolatorji nukleari, eċċ. Il-laqgħat ser jippermettu lill-komunitajiet tal-prattikanti jidentifikaw lakuni, sfidi u tagħlimiet meħuda kif ukoll jikkondividu l-aħjar prattiki relatati mal-iskambju ta' informazzjoni, il-kondiviżjoni ta' intelligence u l-kooperazzjoni internazzjonali. Dawn il-komunitajiet ser irawmu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-partijiet ikkonċernati rilevanti għall-implimentazzjoni effettiva tal-ICSANT u s-sigurtà nukleari, u ser jibbenefikaw mill-Pjattaforma Connect & Learn tal-UNOCT. Imnedija f'Ottubru 2021, din l-għodda innovattiva online għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tlaqqa' flimkien l-Istati Membri, is-settur privat, il-qasam akkademiku, gruppi ta' riflessjoni, istituti tar-riċerka u s-soċjetà ċivili biex issaħħaħ l-għoti ta' assistenza teknika wiċċ imb'wiċċ. Il-pjattaforma hija għodda virtwali unika li tegħleb ostakli bħall-ispiża, id-distanzi ġeografiċi, u r-restrizzjonijiet tal-pandemija billi tagħmel ir-riżorsi tal-ġlieda kontra t-terroriżmu (CT) u tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti (PCVE) aċċessibbli għal diversi partijiet ikkonċernati u prattikanti f'kull ħin u post.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/1188

tad-19 ta' Ġunju 2023

li temenda d-Deċiżjoni 2014/386/PESK dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Ġunju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/386/PESK ([1]).

(2) L-Unjoni ma tirrikonoxxix l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mill-Federazzjoni Russa u tibqa' tikkundannaha bħala ksur tad-dritt internazzjonali. L-Unjoni għadha soda fl-impenn tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment u tibqa' ddedikata għall-implimentazzjoni sħiħa tal-politika tagħha ta' nonrikonoxximent.

(3) Fuq il-bażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2014/386/PESK, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi stabbiliti fiha jiġġeddu sat-23 ta' Ġunju 2024.

(4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/386/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2014/386/PESK, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-23 ta' Ġunju 2024.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-19 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
E. BUSCH

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/386/PESK tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol (ĠU L 183, 24.6.2014, p. 70).

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/1189

tad-19 ta' Ġunju 2023

li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK.

(2) Fit-12 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/2231 ([2]) b'rispons għat-tfixkil tal-proċess elettorali u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo. Id-Deċiżjoni (PESK) 2016/2231 emendat id-Deċiżjoni 2010/788/PESK u introduċiet miżuri restrittivi awtonomi fl-Artikolu 3(2) tiegħu.

(3) Wara s-sentenzi tal-Qorti Ġenerali fil-kawżi T-93/22 ([3]) u T-94/22 ([4]), il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jitneħħew żewġ entrati mil-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2010/788/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK huwa emendat kif jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-19 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
E. BUSCH

([1]) ĠU L 336, 21.12.2010, p. 30.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2231 tat-12 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 336 I, 12.12.2016, p. 7).
([3]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2023, Ramazani Shadary vs il-Kunsill, T-93/22, ECLI:EU:T:2023:122.
([4]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2023, Mutondo vs il-Kunsill, T-94/22, ECLI:EU:T:2023:120.

ANNESS

L-entrati li ġejjin jitħassru mil-lista li tinsab fit-Taqsima A ("Persuni") tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK:

"8. Emmanuel Ramazani SHADARY;

9. Kalev MUTONDO.".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT